# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 29/2015 BS**

**Julio Azzopardi**

**-vs-**

**Solar Engineering Limited (C47487)**

**Il-Qorti;**

## A. PRELIMINARI:

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Julio Azzopardi[1] illi ppremetta:**

1. *"L-esponenti kien impjegat mal-kumpannija konvenuta taħt kuntratt ta' xogħol indefinit u kien ilu hekk impjegat sa mix-xahar ta' Awwissu tas-sena 2009 iżda mbagħad, is-sena l-*

[1] Rik. Ġur. a fol. 1 sa 3.

*oħra, ix-xogħol ta' l-esponenti mal-kumpannija konvenuta ġie tterminat unilateralment mill-kumpannija konvenuta mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi u bħalissa hemm proċeduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali f'dan ir-rigward;*

2. *Matul l-impjieg ta' l-esponenti mal-kumpannija konvenuta u sallum il-ġurnata, il-kumpannija konvenuta naqset milli tħallas "bonus", "leave entitlement", bilanċ ta' kummissjonijiet u pagamenti oħra dovuti mill-kumpanija konvenuta lill-esponenti. Apparti minn hekk, reċentament irriżulta lill-esponenti illi l-kumpannija konvenuta ma hallsitx it-taxxa dovuta fuq il-paga tiegħu regolarment u skont il-liġi b'mod illi issa d-Dipartiment tat-Taxxi Interni* qiegħed jitlob ħlas ta' l-istess mingħand l-esponenti u dan qiegħed jikkaġuna danni lill-esponenti;

3. *Għalhekk kellha ssir dina l-kawża;*

4. *Dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;*

**Talab għalħekk lil din il-Qorti:**

1. *"Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kumpannija konvenuta naqset milli tħallas "bonus", "leave entitlement", bilanċ ta' kummissjonijiet u pagamenti oħra dovuti minnha lill-esponenti u illi l-kumpannija konvenuta ma ħallsitx it-taxxa dovuta fuq il-paga ta' l-esponenti regolarment u skont il-liġi b'mod illi issa d-Dipartiment tat-Taxxi Interni qiegħed jitlob ħlas ta' l-istess mingħand l-esponenti u dan qiegħed jikkaġuna danni lill-esponenti;*

2. *Tillikwida i-"bonus", "leave entitlement", bilanċ ta' kummissjonijiet u pagamenti oħra dovuti mill-kumpannija*

*konvenuta lill-esponenti kif ukoll id-danni ikkaġunati minnha lill-esponenti, kollox kif hawn fuq spjegat;*

3. *Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta tħallas l-ammont likwidat ai termini tat-tieni talba;*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija konvenuta u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà Solar Engineering Limited[2] illi eċċepiet:**

1. *"Illi kull ħlas li kien dovut lill-attur skont il-ligi jew taħt il-kuntratt tal-impjieg mas-socjeta' attrici ġie pienament saldat;*

2. *Illi s-socjeta' intimata ma fadlilha tagħti ebda ħlasijiet ulterjuri lill-attur;*

3. *Fi kwalunkwe' każ it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu michuda bl-ispejjez;*

4. *Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."*

**Fliet l-atti;**

**Rat** id-dokumenti esibiti mal-affidavit tal-attur[3] inkluż: dokumenti li fuqhom l-attur u impjegat ieħor tas-soċjetà konvenuta indikaw x'kienet il-kummissjoni dovuta lilhom fuq bejgħ,[4] *payslips* dwar il-paga tal-attur tul l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta,[5] u; rendikonti maħruġa mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni għas-snin 2012, 2013, 2014, u 2015 li juru bilanċ ta' taxxa li għadu pendenti u dovut mill-attur;[6]

---

[2] Risposta ġuramentata a fol. 20 sa 21.
[3] Affidavit a fol. 24 sa 36 b'dokumenti a fol. 37 sa 131.

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2018 l-attur iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq salv għall-informazzjoni mitluba mingħand is-soċjetà konvenuta;[7]

**Rat** in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi tat-13 ta' Frar, 2020[8] li biha esibixxa [i] rendikont tal-bilanċi ta' taxxa tal-attur għas-snin 2000 sa 2019,[9] [ii] rendikont tal-bilanċi tas-soċjetà konvenuta fil-kapaċità tagħha ta' prinċipal,[10] u; [iii] dokument li juri d-dati li fihom ġew sottomessi l-FS3s u FS7s tal-impjegati tas-soċjetà konvenuta għas-snin 2009 sa 2014;[11]

**Rat** in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi tat-8 ta' Frar, 2021[12] bid-data ta' meta ġew sottomessi l-FS3s u FS7s tal-impjegati tas-soċjetà konvenuta għas-snin 2009 sa 2014;[13]

**Rat** in-nota tas-soċjetà konvenuta tal-21 ta' April, 2021[14] b'anness magħha sensiela ta' affidavits[15] kif ukoll sensiela ta' dokumenti li skontha jagħtu rendikont ta' pagamenti

---

[4] Dokumenti mehmuża mal-affidavit tal-attur bħala dokumenti «JA6» u «JA7» a fol. 45 sa 50 inkluż in *retro pagina*.
[5] Mehmuża mal-affidavit tal-attur bħala faxxikolu «JA8» a fol. 51 sa 104.
[6] Rendikonti mehmuża mal-affidavit tal-attur bħala dokumenti «JA12», «JA13», «JA14», u «JA15» a fol. 108 sa 111.
[7] Verbal a fol. 410.
[8] Nota a fol. 676.
[9] Rendikont a fol. 677.
[10] Rendikont a fol. 678 sa 684.
[11] Dokument a fol. 685.
[12] Nota a fol. 726.
[13] Dan id-dokument huwa identiku fl-informazzjoni mogħtija minnu għal dak a fol. 685.
[14] Nota a fol. 735.
[15] Affidavit ta' Joseph Brian Portelli a fol. 736 u 737. Affidavit ta' Joseph Portelli a fol. 738 u 739. Affidavit ta' Robert Axiak a fol. 740 u 741.

magħmula minnha lill-attur bejn is-snin 2009 u 2014 f'paga bażika, kummissjonijiet, *bonuses* u *allowances*, taxxa u bolla;[16]

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2021 is-soċjetà konvenuta ddikjarat l-istadju tal-provi tagħha magħluq u l-kontroeżamijiet tagħha eżawriti;[17]

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2022 l-attur iddikjara l-kontroeżamijiet tiegħu eżawriti bil-partijiet qablu sabiex il-kawża tibqa' differita għan-noti tal-osservazzjonijiet finali u għas-sentenza;[18]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;**[19]

## B. PROVI:

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Julio Azzopardi**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[20] Jiddikjara li huwa beda l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta wara li ltaqa' mad-direttur tal-istess, Anthony Saliba, fl-2008 tramite tfajla li kien f'relazzjoni personali magħha u li tiġi oħt il-mara tal-istess Anthony Saliba. Iżid li dak iż-żmien Saliba kien jopera biss minn uffiċċju Għawdex b'dan li ried jespandi Malta. Jgħid li għalhekk beda jgħinu sabiex isib post minn fejn jopera fil-Mosta, Malta.

[16] Dokumenti a fol. 742 sa 751.
[17] Verbal mhux paġinat.
[18] Verbal mhux paġinat.
[19] Noti mhux paġinati.
[20] Affidavit a fol. 24 sa 36 b'dokumenti a fol. 37 sa 131.

Iżid li huwa u Anthony Saliba ftiehmu li l-paga tiegħu kellha tkun ta' seba' mitt ewro (€700) fix-xahar eskluża t-taxxa li kellha titħallas mis-soċjetà konvenuta u kellu jitħallas ukoll: *bonuses* skont il-liġi, tnejn fil-mija (2%) kummissjoni fuq kulma jirnexxielu jbigħ—b'din titħallas netta fuq l-ammont ta' bejgħ wara li titnaqqas il-VAT—*overtime* fuq kull *on site visit* u fieri li jattendi, kif ukoll; spejjeż rigward l-użu tat-telefon ċellular u l-vettura personali tiegħu.

Jiddikjara li l-impjieg kien għal żmien indefinit u li kuntratt ta' impjieg bil-miktub qatt ma sar.

Jgħid li l-ħanut tas-soċjetà konvenuta fil-Mosta, Malta, infetaħ f'Awwissu, 2009 u huwa mill-bidu beda jieħu ħsieb il-bejgħ minnu. Jgħid li l-ħanut tal-Mosta kien jieħu ħsiebu waħdu u minnu kien ibigħ *solar panels, solar water heaters, air-conditioners, reverse osmosis* u *parts* relatati mall-istess sistemi.

Jiddikjara li l-bejgħ beda bil-mod iżda qabad tajjeb mall-2010 meta għalhekk hu u Anthony Saliba ddiskutew żieda fil-paga tiegħu minn seba' mitt ewro (€700) għal tmien mija u erbgħin ewro (€840) fix-xahar. Il-kumplament tal-pagamenti kellhom jibqgħu l-istess.

Jgħid li l-paga tiegħu ma kinitx tidħol f'ġurnata fissa fix-xahar anzi kien ta' spiss jitħallas ġimgħat tard. Dwar sistema sabiex jitħallas il-paga jgħid li huwa kien jimla formula bil-ħinijiet li ħadem u Anthony Saliba kien joħroġlu ċekk għall-ħlas dovut. Iżid li huwa qatt ma ngħata *payslip*.

Jgħid li kien sikwit isib nuqqasijiet fil-paga inkluż rigward *bonuses* tal-Gvern u kien jiġbed l-attenzjoni dwar dan. Jgħid li Anthony Saliba kien iwiegħdu li għad jeħodhom iżda

anke wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu baqa' mingħajrhom.

Jiddikjara li fl-2010 għamel bejgħ ta' pannelli fotovoltajiċi fil-valur ta' ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000) lil ditta jisimha *WH Works*. Jgħid li sal-lum baqa' ma tħallasx il-kummissjoni fuq l-istess.

Iżid li fl-istess sena 2010 ha biss sebat (7) ijiem *leave* għaliex dik kienet is-sena li l-ħanut tal-Mosta tassew qabad u kien ikun marbut bix-xogħol.

Jgħid li fl-2011 infetħet l-iskema tal-MRA dwar pannelli fotovoltajiċi bix-xogħol kien bla waqfien.

Iżid li fl-istess sena 2011 kien ta' spiss jiġi msejjaħ minn Anthony Saliba sabiex jagħti daqqa t'id Għawdex. Jgħid li kien iwassal diversi klijenti għall-akkwist b'dan li Anthony Saliba kien jidħol fl-aħħar stadju u b'hekk ma jħallsux il-kummissjonijiet. Iżid li anqas l-ispejjeż tal-vapur ta' Għawdex ma kien ikoprilu.

Jgħid li fl-2011 għalaq żewġ (2) negozji, wieħed mas-soċjetà *Gozo Foods* u ieħor ma' farm f'Ta Sannat, Għawdex. Iżid li anqas għal dawn qatt ma tħallas kummissjoni.

Jiddikjara li mill-ħanut tal-Mosta huwa biegħ mal-mija u għoxrin (120) u mija u erbgħin (140) sistema fotovaltajika taħt l-iskema tal-MRA. Jgħid li apparti dawn biegħ diversi *solar water heaters* u *airconditioners*. Jgħid li anqas ta' dawn in-negozji ma tħallas il-kummissjoni dovuta.

Jgħid li lil Anthony Saliba kemm-il darba talbu—verbalment—sabiex iħallsu l-kummissjonijiet dovuta lilu u huwa qatt ma caħad li huma dovuti. Iżid li kien jgħidlu biss sabiex itih ftit taż-żmien.

Jgħid li fil-bidu tal-2012 Anthony Saliba mar sabu l-ħanut tal-Mosta u qallu li ser iżidu fil-paga. Jgħid li qallu li se jibda jtih elf ewro (€1,000) f'idu fix-xahar peress li l-ħanut tal-Mosta kien imexxih hu. Jgħid li Anthony Saliba qallu wkoll li peress li ser jiżdied fil-paga ma kienx ser jibqa' intitolat għall-*overtime* fuq *on site visits* u fieri. Jgħid li huwa dan aċċettah.

Jiddikjara li fl-istess żmien huwa ntalab minn Anthony Saliba sabiex jintervista kandidati sabiex jiġu impjegati bħala *salespersons* fil-ħanut tal-Mosta.

Jgħid li l-ewwel ma impjegaw kienu żewġt (2) irġiel it-tnejn jisimhom James b'dawn ma damux magħhom. Iżid li mbagħad impjegaw mara jisimha Maria li wkoll ma damitx magħhom. Jgħid li wara dan intervista lil ċertu Joseph Sant li wara li nnegozja paga magħhom baqa' magħhom sa wara fiera b'dan li meta telaq qallu li kien għadu dovut xi paga.

Jiddikjara li wara Sant impjegaw lil ċertu Timothy Jones li huwa kien ħarreġ kif ħarreġ lil ta' qablu.

Jgħid li fl-2013 fetħet skema oħra tal-pannelli fotovoltajiċi. Jgħid li f'dan iż-żmien bdew ukoll jimpurtaw u jbigħu *appliances* tad-ditta *Nardi*.

Jgħid li f'dan l-istadju huwa kien *sales executive manager* b'diversi responsabbilitajiet. Jagħti rendikont tar-responsabbilitajiet tiegħu.

Jiddikjara li f'Marzu 2013 huwa temm ir-relazzjoni personali li kellu ma oht il-mara ta' Anthony Saliba. Jgħid li jumejn wara kellem lil Anthony Saliba dwar jekk dan hux ser jaffetwa l-impjieg tiegħu. Jgħid li huwa ġie assigurat li l-impjieg tiegħu ma kellux x'jaqsam ma dan u ġie inkoraġġiet jibqa' jaħdem.

Iżid iżda li mart Anthony Saliba bidlet l-attitudni tagħha miegħu. Jirrakkonta episodju waqt fiera fejn huwa kien qed jiġi mitkellem minn impjegata oħra tas-soċjetà. konvenuta, ċerta C. Bugeja. Jgħid li mart Anthony Saliba ħasset li din kienet qed tgħidlu dwarha. Jgħid li mart Anthony Saliba talbietu jgħidilha x'kienet qed tgħidlu Bugeja b'dan li huwa ssiguraha li ma kienet qed tgħidlu xejn dwarha. Iżid li jumejn wara sabu fil-ħanut tal-Mosta Anthony Saliba u saqsieh jekk Bugeja kinitx qed tgħidlu dwar martu. Jiddikjara li huwa reġa' wieġeb li Bugeja ma kienet qed tgħid xejn dwar martu. Iżid li minkejja dan Bugeja tkeċċiet mix-xogħol ftit jiem wara u kellha tieħu passi sabiex tiġbor paga dovuta lilha.

Jgħid li fuq bejgħ li għamel fl-2013 fadallu jiġbor elf f'kummissjonijiet.

Iżid li fl-2013 il-paga tiegħu reggħet żdiedet għal elf u ħames mitt ewro (€1,500) f'idejh fix-xahar.

Jgħid li l-iskema tal-2013 kellha tagħlaq f'Diċembru tal-2013 b'dan li f'Novembru 2013 Anthony Saliba impjega lil ċertu Elton Cachia u qal li dan għamlu għax kien hemm bżonn l-għajnuna. Iżid li Cachia kien jiġi l-ħanut mal-ġenituri tiegħu li kienu jiġu jnaddfu. Iżid li dan kien rah stramb għaliex Cachia ġie impjegat meta l-iskema kienet waslet sabiex tagħlaq u qabel qatt ma kien jiġi hħadd inaddaf il-ħanut tal-Mosta.

Jiddikjara li oltre dan f'Diċembru, 2013 ġie għal intervista tal-impjeg hu Elton Cachia, Franklin Cachia li però ma semax bih aktar.

Jgħid li l-familja Cachia kienu ħbieb kbar ta' Anthony Saliba. Iżid li beda jinnota li beda qisu jiġi mwarrab. Iżid iżda li

dwar dan ma kien għamel xejn għaliex kellu biżżejjed x'jagħmel.

Jiddikjara li lejn l-aħħar tal-2013 ingħata l-*payslips* taż-żmien kollu li kien ilu jaħdem mas-soċjetà konvenuta. Jgħid li xħin rahom induna li l-paga ma kinitx imniżżla kif pattwit. Jgħid li dwar dan ġibed l-attenzjoni ta' Anthony Saliba li kien qallu li ser jieħu ħsieb hu.

Jiddikjara li ġimgħa wara li għalqet l-iskema tal-2014 Anthony Saliba infurmah li ser iwaqqaflu l-impjieg. Jgħid li kienu xi l-ħamsa ta' filgħaxija nhar il-25 ta' Marzu, 2014 meta Anthony Saliba mar il-ħanut il-Mosta, daħal fejnu u qallu jmur il-*board room*. Iżid li huwa mar u malli poġġa qallu li ma setgħux ikomplu jaħdmu flimkien. Jgħid li nħasad għaliex dejjem ħadem mill-aħjar li seta' u qatt ma ngħatat xi twissija. Iżid li huwa wieġeb li mhux ser jirreżenja u hawn Saliba qallu li kien ser jagħtih xahrejn *notice* skont il-liġi. Jiddikjara li ntalab jitlaq dak il-ħin stess fuq wegħda li jitħallas xahrejn *notice*.[21]

Jiddikjara li wara dan sar jaf li l-għada li ġie terminat l-impjieg tiegħu daħal jaħdem Franklin Cachia.

Jgħid li reġgħu ltaqgħu nhar is-7 ta' April, 2014 u ngħata ċekk ta' tlett elef ewro (€3,000) li kienu jkopru elf ħames mitt ewro (€1,500) paga ta' Marzu 2014 u elf ħames mitt ewro (€1,500) bħala parti mill-kummissjoni li kien għadha dovuta lilu dwar bejgħ taħt l-iskema tal-2013. Jgħid li dakinhar il-laqgħa kienet kordjali, tkellmu fuq dak li kien baqagħlu

[21] Id-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur minn mas-soċjetà konvenuta hija konfermata bħala l-25 ta' Mejju, 2014—xahrejn—*notice*—wara li l-attur ġie infurmat bit-terminazzjoni—bid-dokument datat il-5 ta' Ġunju, 2014 maħruġ mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ—*ETC* illum *JobsPlus*—mehmuż mal-affidavit tal-attur bħala dokument «JA5» a fol. 44. F'dan id-dokument hemm dikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur seħħet *on disciplinary grounds*.

jieħu u tkellmu wkoll dwar is-sebgħa u sittin (67) ġurnata *leave* li ma kienx ħa.

Jgħid li qabel din il-laqgħa huwa kien diġà mar għand tat-taxxa fejn sab li mhux kulma kellu jitħallas f'ismu kien tħallas. Jgħid li b'dan informa lil Anthony Saliba immedjatament u wkoll reġa' qallu fil-laqgħa tas-7 ta' April, 2014. Aktar tard, fil-parti tal-affidavit fejn jispjega l-ammonti li skontu għadhom dovuti lilu jgħid li fil-laqgħa tas-7 ta' April, 2014 Anthony Saliba assigurah li kien ser jieħu ħsieb jirregolarizza l-pożizzjoni ma' tat-taxxa. Iżid iżda li minn dakinhar huwa baqa' jircievi l-kontijiet mingħand tat-taxxa minn fejn irriżulta li s-soċjetà konvenuta ddikjarat li bħala paga huwa kien jirċievi ċirka tmien mija u ħamsin ewro (€850) b'dan mhuwiex kif jirriżulta mill-*payslips* li huwa ngħata f'daqqa fl-aħħar tal-impjieg tiegħu.

Jgħid li informa lil Anthony Saliba wkoll bil-kummissjonijiet li kien baqagħlu jieħu mill-bejgħ tal-2013 kif ukoll kummissjonijiet u *bonuses* ta' qabel. Iżid li Anthony Saliba qallu li kollox ser jitħallas kif imiss bis-soċjetà konvenuta kellha taħdem il-valur rimanenti dovut lilu sabiex jitħallas.

Jgħid li żmien wara prova jċempel lil Anthony Saliba b'dan iżda beda ma jwiġbux. Jgħid li bagħatlu wkoll messaġġi fuq it-telefon ċellulari u imajls li wkoll ġew injorati.

Jiddikjara li huwa baqa' ma tħallasx dak dovut lilu inkluż il-perjodu tan-*notice* b'dan li għalhekk ħa parir legali.

Iżid li kummissjonijiet dovuta lilu jistgħu jiġi verifikati b'xhieda mill-Awtorità tar-Riżorsi li jistgħu jagħtu rendikont ta' kemm twaħħlu pannelli fotovoltajiċi u *solar water heaters* f'Malta mis-soċjetà konvenuta fiż-żmien li kien impjegat magħha huwa.

Jiddikjara li beda wkoll proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali dwar terminazzjoni inġusta tal-impjieg tiegħu.

Jagħti rendikont ta' dak li skontu jonqsu jiġbor mingħand is-soċjetà konvenuta.[22]

**Xehed ulterjorment**[23] billi esibixxa: [i] dokument dwar it-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg kif mibgħut lilu mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ.[24] Jgħid li f'dan id-dokument tniżżel li huwa tkeċċa mentri fil-fatt huwa kien ingħata n-*notice*. [ii] FS3s li jgħid li qatt ma kien ra qabel u li ma mtlewx minnu.[25] Iżid li l-FS3s ġabhom huwa stess mingħand id-Dipartiment tat-Taxxa meta beda jirċievi kontijiet mingħand l-istess dipartiment. [iii] CD b'*recording* tal-aħħar laqgħa li kellu ma' Anthony Saliba.[26]

**B'affidavit ulterjuri**, xehed[27] li huwa eżamina d-dokumenti esibiti f'din il-Qorti mir-rappreżentant tar-Regolatur dwar is-Servizzi tal-Ilma u l-Enerġija li juru l-bejgħ ta' *solar water heaters* u pannelli fotovoltajiċi mis-soċjetà konvenuta.

Iżid li f'tali dokumenti ma jidhrux prezzijiet tal-bejgħ iżda huwa wasal għall-istess skont lista ta' prezzijiet li kellha s-soċjetà konvenuta.

Jgħid li huwa kkunsidra l-bejgħ li sar f'Malta biss, mhux ukoll f'Għawdex.

---

[22] Rendikont fil-paġni tal-affidavit a fol. 31 sa 33. Jannetti wkoll sensiela ta' dokumenti li jagħti spjegazzjoni dwarhom fil-paġni tal-affidavit a fol. 33 sa 36.
[23] Traskrizzjoni a fol. 253.
[24] Dokument datat il-5 ta' Ġunju, 2014 maħruġ minn *JobsPlus* a fol. 259 b'dokument anness miegħu a fol. 260. F'dan id-dokument hemm dikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur seħħet fuq raġunijiet dixxiplinari.
[25] FS3s a fol. 261 sa 263.
[26] CD f'envelop ta' lewn abjad a fol. 264—it-traskrizzjoni tal-istess hija kkonfermata mix-xhud—l-attur—bħala dik annessa mal-affidavit preċedenti tiegħu.
[27] Affidavit a fol. 295 b'dokumenti annessi a fol. 296 sa 312.

Iżid li dawn id-dokumenti juru biss bejgħ bejn il-perjodu ta' Awwissu, 2009 u Diċembru 2012 meta huwa baqa' impjegat mas-soċjetà konvenuta sal-2014.

Jesibixxi kopja tal-istess dokumenti esibiti f'din il-Qorti mix-xhud rappreżentant tar-Regolatur dwar is-Servizzi tal-Ilma u l-Enerġija. Jgħid li fuq dawn immarka bil-pinna l-prezz tal-bejgħ fuq liema ħadem il-kummissjoni dovuta lilu fir-rata ta' tnejn fil-mija (2%) netti.

Iżid li fis-snin li jirriżultaw fuq dawn id-dokumenti huwa biss kien *salesman* fil-ħanut tas-soċjetà konvenuta f'Malta.

Jgħid li minn dan l-eżerċizzju jirriżulta li l-valur totali dovut lilu f'kummissjonijiet huwa ta' dsatax-il elf tlitt mija u ħamsa u tmenin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€19,385.36). Iżid li minn dan il-valur huwa ma tħallas xejn.

Iżid li x-xhud Margie Saliba esibit ukoll żewġ *payslips* għax-xhur ta' April u Mejju, 2014 li juru paga li huwa baqa' ma tħallasx u li għandu jitħallas.

Jiddikjara li oltre dan għad irid jiġi stabbilit t-total ta' qliegħ li huwa kien għamel lis-soċjetà konvenuta mill-ħanut ġewwa l-Mosta bil-bejgħ ta' apparat ieħor bħal *appliances* li fuqu huwa wkoll dovut kummissjoni.

**B'affidavit ulterjuri**,[28] iddikjara li dak li qal Anthony Saliba li huwa kien jingħata *payslips* b'mod regolari mhuwiex minnu. Iżid li l-unika darba li ngħata l-*payslips* kien meta talabhom hu. Jgħid li mhux vera li dawn kienu jintbagħtu bl-imejl u jżid li anke wara li talab il-*payslips* dawn ma ngħatawlux kollha.

[28] Affidavit a fol. 405 u 406.

Dwar il-paga jgħid li Anthony Saliba kien imur ħdejh bil-ktieb taċ-ċekkijiet u jiktiblu ċekk li kien ikun ta' valur fiss.

Jinsisti li fil-ħanut tal-Mosta huwa biss kien hemm b'Timothy Jones kien jaħdem fuq barra jdur id-djar u jbigħ fuq il-post. Jgħid li jekk xi darba Jones m'għalaqx bejgħ u l-klijent mar il-ħanut n-negozju kien jitniżżel fuq isem Jones mhux fuq ismu.

B'referenza għall-kopji taċ-ċekkijiet esibiti minn Anthony Saliba a fol. 324 sa 326 jgħid li dak tat-13 ta' Jannar, 2014 fl-ammont ta' tlitt elef ewro (€3,000) kien ikopri elf ħames ewro (€1,500) paga ta' Diċembru, 2013 u elf ħames mitt ewro (€1,500) parti mill-kummissjoni pendenti dovuta lilu sa dakinhar. Iżid li dak tad-9 ta' Frar, 2014 fl-ammont ta' tlitt elef mija u tmienja u erbgħin ewro u tmienja u tmenin ċentenżmu (€3,148.88)[29] kien ikopri elf ħames mitt ewro (€1,500) paga għal Jannar, 2014 u elf sitt mija u tlieta u erbgħin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,643.88) parti mill-kummissjoni pendenti dovuta lilu sa dakinhar. Jgħid li dak datat il-15 ta' Marzu, 2014 fil-valur ta' tlitt elef wieħed u tmenin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€3,081.51) kien ikopri elf ħames mitt ewro (€1,500) paga ta' Frar, 2014 u elf ħames mija u wieħed u tmenin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€1,581.51) parti mill-kummissjoni pendenti dovuta lilu sa dakinhar. Jgħid ukoll li dak datat is-7 ta' April, 2014 fil-valur ta' tlitt elef ewro (€3,000) kien ikopri elf ħames mitt ewro (€1,500) paga ta' Marzu, 2014 u elf ħames mitt ewro (€1,500) parti mill-kummissjoni pendenti dovuta lilu.

Iżid li l-paga tiegħu qatt ma tħallset bil-quddiem anzi kien hemm drabi fejn il-ħlas kien tardiv u kellhom jitolbuh.

---

[29] Fil-fatt dan iċ-ċekk li kopja tiegħu tinsab a fol. 325 huwa fil-valur ta' tlett elef mija u tlieta u erbħgin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€3,143.88).

Iżid li d-dokumenti li esibixxa huwa rigward kummissjoni dovuta lilu nħadmu minnu flimkien ma' Timothy Jones u mhux minnu li fuqhom jidher xi bejgħ li ġie reġistrat fuq it-tnejn li huma.

**In kontroeżami**,[30] mistoqsi dwar figuri li mmarka bil-pinna fuq kopji tad-dokumenti esibiti f'din il-Qorti mix-xhud rappreżentant tar-Regolatur dwar is-Servizzi tal-Ilma u l-Enerġija, jgħid li l-figuri li mmarka għamilhom fejn is-sistemi ta' pannelli fotovoltajiċi u *solar water heaters* li biegħ huwa lill-klijenti li kienu jmorru l-ħanut tal-Mosta u kien jaqdihom hu personalment. Iżid li l-figuri juru kemm kienet swiet is-sistema mibjugħa. Jgħid li jekk allura s-sistema swiet sitt elef ewro (€6,000) huwa mmarka sitt elef ewro (€6,000).

Jgħid li fuq l-istess dokumenti m'hemmx inklużi oġġetti oħra li huwa kien ibigh mill-ħanut tal-Mosta bħal *appliances*.

Jaqbel li fejn huwa m'għamilx marka ta' valur bil-pinna dak kien bejgħ li ma sarx minnu.

Jaqbel allura li huwa jippretendi biss kummissjoni fuq dawk in-negozji fejn fuq id-dokumenti huwa għamel marka bil-pinna.

Mistoqsi kif seta' jiddeċiffra liema kienu n-negozji magħmula minnu peress li d-dokumenti li fuqhom għamel il-marki bil-pinna ma jindikawx l-ismijiet tal-klijenti jgħid li mill-2009 sal-2013 hu biss kien hemm il-Mosta allura dak li inbiegħ Malta f'dak iż-żmien inbiegh minnu. Iżid li mbagħad fl-2013 ingħataw dokumenti sabiex huwa u Timothy Jones jimmarkaw fuqhom min għamel liema negozju. Iżid li dak iż-żmien huwa u Timothy Jones poġġew

[30] Traskrizzjoni a fol. 414 sa 432.

flimkien u għamlu eżerċizzju fejn waslu għal qbiel fuq min minnhom biegħ xiex.

Jgħid li huwa u Timothy Jones għamlu dan l-erċizzju għall-bejgħ tas-snin 2013 u 2014.

Jaqbel allura li fuq id-dokumenti fejn għamel il-marki tiegħu, huwa mmarka kull fejn ra li l-post tal-istallazzjoni kien Malta fejn allura qies il-bejgħ bħala tiegħu. Iżid iżda li l-memorja dwar il-bejgħ isservih, anke jekk dokumenti proprja dwar l-istess m'għandux peress li baqgħu l-ħanut tal-Mosta wara li ġie terminat.

Mistoqsi dwar fieri jgħid li fil-fieri ma jsirx bejgħ. Iżid li fil-fieri kienu joħorgu biss kwotazzjonijiet. Jgħid li kwotazzjoni mhijiex bejgħ. Jgħid li huwa jippretendi kummissjoni biss fejn huwa mar fuq il-bjut ikejjel huwa stess.

Jispjega f'aktar dettall li fil-fieri tingħata biss kwotazzjoni lil kull minn jitlob wahda b'dawn in-nies imbagħad min iċempel lura huwa u min jiġi kkuntattjat minnhom. Jgħid li wara dan wieħed imur fuq il-post ta' persuna interessata, jieħu l-kejl tal-bejt partikolari, jieħu r-ritratti u, wara dan jiġi deċiż kemm joqogħdu pannelli, jiġi mistħarreġ jekk tapplikax xi skema, u ssir offerta. Iżid li biss wara dan kollu mbagħad bniedem li jkun wera interess jgħidlek jixtieqx ikompli.

Jgħid li kull fejn huwa jippretendi kummissjoni jippretendi hekk għax ikun mar fuq il-post huwa stess u, wara li tkun ġiet segwita l-proċedura kollha, il-klijent ikun qabel li jmexxi b'ordni.

Mistoqsi allura mill-entraturi kollha li huwa mmarka fuq il-kopji tad-dokumenti esibiti mir-rapprezentant tar-

Regolatur dwar is-Servizzi tal-Ilma u l-Enerġija jekk hemmx minnhom li oriġinaw mill-fieri jgħid li le.

Jinsisti li huwa mmarka biss dawk in-negozju li ħadem fuqhom huwa u li tagħhom il-bejgħ għalqu huwa.

Jgħid li bniedem interessat f'sistema fotovoltajika kien idur is-supplituri kollha fil-fieri u jiġbor kwotazzjoni mingħand kulħadd b'dan li l-bejgħ jiġi konkluż biss jekk il-klijent imur lura wara u xi ħadd minnhom imur għandu, jitla' fuq il-bejt tiegħu, jieħu r-ritratti u l-qisien, jinvestiga jekk il-klijent jikkwalifikax taħt xi skema imbagħad jagħmel offerta li l-klijent jaċċetta.

Jgħid li tant u hekk li l-kwotazzjonijiet li kienu jingħataw fil-fieri anqas biss jirriżultaw fuq id-dokumenti li fuqhom għamel l-eżerċizzju tal-marki bl-istess juru biss in-numri li l-Awtorità tar-Rizorsi ta' Malta, illum *REWS*, tattribwixxi lil kull applikażzjoni wara li tkun ġiet konkluża ordni.

Jgħid li ma jaqbilx li fil-ħanut tal-Mosta xi darba daħlu ħlasijiet oħrajn li ma kinux ħlasijiet fuq bejgħ magħmul minnu.

Jgħid li kuntratt ta' xogħol bil-miktub huwa qatt ma kellu mas-soċjetà konvenuta. Iżid li jgħid li l-kummissjoni kienet ta' tnejn fil-mija (2%) għax il-ftehim verbali hekk kien, kemm miegħu u kemm ma' ħaddieħor.

Mistoqsi kif qatt ma oġġezzjona għal dak dikjarat fl-FS3s tiegħu jgħid li l-FS3s u l-*payslips* tul l-impjieg qatt ma ngħatawlu. Jgħid li anqas ingħataw lill-ħaddiema l-oħra b'dawn ġew biss ippreżentati fil-Qorti. Mistoqsi kif allura kien jimla l-*income tax return* jgħid li mhux hu kien jimliha iżda Anthony Saliba. Iżid li huwa rċieva biss meta ġie infurmat li kien hemm kontijiet tat-taxxa pendenti.

Jgħid li l-paga tiegħu dejjem fissa kienet b'dan li meta żdied għal elf ħames mitt ewro (€1,500) ma baqax jitħallas tal-*overtime* kif ukoll talli jmur il-fieri.

Mistoqsi jekk qattx ħadem aktar mis-sebgħa ta' filgħaxija jgħid li ġieli dam anke sad-disgħa u nofs ta' filgħaxija.

Jgħid li *punch clock* kien hemm iżda ma kienx jaħdem.

Mistoqsi jekk hux minnu li l-kummissjoni kienet pagabbli bil-wieħed fil-mija (1%) mhux bit-tnejn fil-mija (2%) jgħid li mhux minnu.

**In kontroeżami ulterjuri**,[31] riferut għall-ittra in atti a fol. 523 mibgħuta mil-legali tiegħu lil dak tas-soċjetà konvenuta, xehed li dakinhar li tkellem mal-avukat tiegħu huwa spjegalu kif kienu l-affarijiet inkluż li kien baqa' pendenti xi kummisjonijiet. Jgħid li spjegalu wkoll li oltre l-kummissjonijiet li kien jaf bihom bħala mhux imħallsa riedu jaraw il-bejgħ li sar mill-ħanut. Jgħid li dakinhar li kiteb l-ittra l-ewwel avukat tiegħu dan kien qallu li jimxu pass, pass, jikteb l-ittra mbagħad jaraw minn hemm.

Jgħid li sabiex wasal għaċ-ċiffri msemmija f'dik l-ittra hu provda lill-avukat b'xi materjal iżda f'din il-kawża preżenta aktar materjal li ottjena wara.

Jgħid li l-kummissjoni mitluba f'dik l-ittra kienet limitata għall-bilanċ sal-2013. Jgħid li dak iż-żmien ma kellux il-karti kollha sabiex jaħdem il-bilanċ sħiħ.

Jaqbel li huwa wasal għall-bilanċ mitlub dwar kummissjoni f'dik l-ittra bid-dokumenti a fol. 45 sa 48—il-lista ta' klijenti

[31] Traskrizzjoni a fol. 622 sa 636.

li fuqha immarka minn kienu l-klijenti li għalaq il-bejgħ magħhom hu.

Mistoqsi jekk meta ntbagħet dik l-ittra kienx diġà spiċċa mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta jgħid li huwa ngħata n-*notice* fil-25 ta' Marzu, 2014 u kellu xahrejn *notice*.

Rigward li fl-istess ittra ssemmiet diffikoltà rigward taxxa jgħid li huwa kien irċieva kontijiet ta' taxxa pendenti. Iżid li huwa kellem dwarhom lil Anthony Saliba li kien wegħdu li ser jieħu ħsiebhom.

Suġġerit lilu li fil-fatt it-taxxa tiegħu kienet kolha mħallsa, issostni li meta huwa rċieva l-kontijiet tat-taxxa huwa kellem lil Anthony Saliba u Saliba dejjem qallu ma jinkwetax u li ser jeħodlu ħsieb huwa.

Riferut għad-dokumenti a fol. 504, 506, 508, 510, u 512 li nħarġu mis-Sur George Borg tad-dipartiment tat-taxxa u juru li ma kienx hemm taxxa pendenti, jgħid li huwa għandu l-ittri mingħand tat-taxxa li juru bilanċ dovut. Iżid li issa ilu ma jircievi b'dan li ma jafx jekk issa t-taxxa ġietx mħallsa kollha.

Riferut għad-dokument a fol. 521—lista ta' klijenti fejn hemm ismu miktub bil-pinna, jgħid li fejn hemmhekk jidher ismu dak kitbu hu. Muri l-istess dokument esibit għal darb'oħra a fol. 619 jixhed li Anthony Saliba u Timothy Jones ma kinux qablu fuq xi negozji li saru. Iżid li huwa u Jones imbagħad iltaqgħu u ċċaraw minn minnhom kien għalaq in-negozju.

Jikkonferma li ċ-ċekkijiet li kopji tagħhom ġew esibiti mill-*HSBC Bank Malta p.l.c.* f'dawn l-atti u li jinsabu a fol. 167 huwa rċivihom.

Muri imejl a fol. 533 tal-proċess li tidher li ntbagħtet minnu lil ċertu Antoine Galea u li ssemmi kummissjoni bil-wieħed fil-mija (1%), jgħid li dik l-imejl intbagħtet mill-*account* tiegħu iżda minn Anthony Saliba waqt li hu ma kienx hemm. Iżid li kien normali li Anthony Saliba juża l-imejl tiegħu, u anke jiffirma «*regards Julio Azzopardi*». Iżid li Saliba anke fuq it-telefon ġieli tkellem bħala xi ħadd mill-impjegati tiegħu, inkluż fil-preżenza tiegħu. Jgħid li huwa dik l-imejl raha l-ewwel darba meta ġiet preżentata mal-affidavit ta' Anthony Saliba f'dawn il-proċeduri. Iżid li anke l-ħinijiet ta' meta ntbagħtet l-imejl juru li ma ntbagħtitx minnu.

**In kontroeżami ulterjuri**,[32] xehed li huwa qatt ma ngħata FS3 jew *payslip* iżda kien jingħata biss ċekk tal-paga. Iżid li meta ra l-FS3s irrealizza li l-paga ġiet imniżżla anqas minn dik li kien jaqbad b'dan li anke bolol iridu jiġu ċċekjati.

Jgħid li huwa FS3s ma kellux qabel dawn preżentahom Saliba fil-Qorti.

Mistoqsi mill-Qorti kif ma talabx kopja tal-FS3 meta din ma waslitx għandu, jgħid li anke peress li huwa kellu relazzjoni personali ma' oħt il-mara ta' Saliba huwa kellu ċerta fiduċja fihom. Iżid li Saliba kien jgħidlu jħalli f'idejh u huwa hekk kien jaghmel. Jgħid li l-istess qallu meta rċieva l-kontijiet dwar taxxa pendenti—«ħalli f'idi», «issa nirranġalek jien».

Iżid li lil Saliba saħansitra ċempillu mill-uffiċju tat-taxxi stess, quddiem l-Ispettur tat-Taxxi Delmar, fejn Saliba reġa' qallu jħalli f'idejh.

Jinsisti li fuq l-FS3 Saliba kien jiddikjara paga aktar baxxa milli kien fil-fatt jagħtih.

[32] Traskrizzjoni a fol. 686 sa 706.

Jgħid li ċ-ċekkijiet li kien jingħata u li huma in atti qatt ma jaqblu mal-*payslips*.

Jgħid li l-*payslips* juru kummissjoni kważi dejjem l-istess li hija xi ħaġa inverosimili.

Jgħid li ċ-ċekkijiet li huwa rċieva ma jikkorrispondux mal-paga u kummissjonijiet li kienu dovuti lilu. Iżid li d-dokument li għamlu huwa u Timothy Jones juru li baqa' kummissjoni dovuta.

Jgħid li l-*payslips* ma jurux ir-realtà tal-paga u kummissjonijiet li kien jagħmel. Jgħid li ċ-ċekkijiet anqas jaqblu xahar b'xahar mal-*payslips*.

Jirreferi għaċ-ċekkijiet ta' Mejju 2011 esibiti f'envelop a fol. 167. Jgħid li dawn saru kollha għal elf ewro (€1,000) fix-xahar.

Riferut għall-kliem fuq il-*payslip «overtime, allowances and adjustments»* u mistqosi kif kien jirċievi l-kummissjoni jgħid li fl-aħħar beda jirċievi xi ħaġa mid-dovut. Jgħid li fl-aħħar Saliba kien tah ċekk ta' tlett elef ewro (€3,000) ikopri elf ħames mitt ewro (€1,500) paga u elf ħames mitt ewro (€1,500) kummissjoni pendenti.

Jgħid li f'ħames (5) snin qatt ma rċieva kummissjoni u meta kien jitlobha Saliba kien jgħidlu jagħtih ċans. Iżid li l-kummissjonijiet beda jtihomlu biss fl-aħħar.

Mistoqsi jekk il-valur li jidher taħt *«overtime, allowances and adjustments»* huwiex kummissjoni jgħid li Saliba qatagħlu l-*overtime* ta' bejn is-siegħa ta' waranofsinhar (13:00) u l-

erbgħa ta' waranofsinhar (16:00) kif ukoll tal-fieri meta għollielu l-paga għal elf ewro (€1,000).

Riferut għal kopja ta' *payslip* ta' Jannar, 2014 a fol. 498 tal-proċess u l-*allowance* ta' elf seba' mija u wieħed u tmenin ewro (€1,781) li tidher fuqha, jgħid li appuntu fl-aħħar beda jirċievi xi ħaġa mill-kummissjonijiet dovuti. Jgħid li huwa ġie terminat f'Marzu, 2014. Jaqbel li l-valur ta' elf seba' mija u wieħed u tmenin ewro (€1,781) li jidher bħala *allowance* kien ta' kummissjoni.

Jgħid li huwa għamel żmien twil jirċievi l-paga biss b'dan li qabel telaq, lejn l-aħħar, beda jirċievi xi ħaġa favur kummissjoni dovuta.

Jgħid li huwa beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta f'xi 26 ta' Awwissu, 2009.

Muri *payslip* ta' Ġunju, 2013 li turi paga ta' disat elef u ħamsa u tletin ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€935.72ċ) u ċekk korrispondneti li juri dħul ta' elf ħames mitt ewro (€1,500) jgħid li skontu hemmhekk għax Saliba kien għollielu l-paga peress li kien ser imur ma' kumpanija oħra u sar jaf. Iżid li allura dak il-valur li jidher fuq iċ-ċekk huwa kollu ta' paga. Iżid li x'għamel fil-*payslip* Saliba jaf hu — Saliba iżda jaħseb li forsi Saliba għamel hekk sabiex tiġi rekata anqas taxxa lilu — lil Saliba. Iżid li huwa dejjem rid kollox skont il-liġi.

Jgħid li huwa qatt ma kien minn fuq biċ-ċekkijiet li rċieva għax huwa dejjem qishom fid-dawl tal-paga dovuta waqt li *payslips* ma kienx qiegħed jara.

Jgħid li huwa żdid għal elf ħames mitt ewro €1,500 *basic pay* bejn Mejju u Ġunju tal-2013 b'imbagħad il-paga reġgħet għoliet. Jgħid li qabel Mejju, Ġunju 2013 il-paga kienet ta' elf ewro (€1,000) *basic pay* f'idejh; elf ewro (€1,000) f'dejh, netti.

Iżid li ma' Saliba kellu ftehim li bħala taxxa jħallashielu huwa bil-paga netta u l-kummissjoni bit-tnejn fil-mija (2%) fuq il-valur ta' kull bejgħ nett mill-VAT titħallas lilu f'idejh.

Mistoqsi dwar ċekk ta' Settembru 2012 għall-valur ta' elf mitt ewro (€1,100) jirreferi għall-*payslip* korrispondenti li bħala paga turi elf erbgħa u ħamsin ewro (€1,054) u jgħid li jekk jiftakar sew id-differenza kienet għal sellum li xtara lil Saliba.

Muri ċekkijiet tal-2009 li juru valur ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) u mistoqsi għalfejn aċċetta paga b'inqas jgħid li fl-2009 huwa seba' mitt ewro (€700) kellu paga iżda kien għadu jitħallas tal-*overtime*.

Mistqosi kif qabel qal li qabel l-2013 kellu elf ewro (€1,000) paga u issa qed jgħid li kellu seba' mitt ewro (€700) jgħid li huwa beda b'seba' mitt ewro (€700) imbagħad għollieh għal tmien mitt ewro (€800), wara għal elf ewro (€1,000) u fl-aħħar, min qiesu nofs l-2013 ghollieh għal €1,500. Iżid li meta kellu €700 u €800 f'idu kien jitħallas ukoll tal-*overtime*.

**Romina Veneziani**, rappreżentanta tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjieg, xehdet[33] li peress li t-terminazzjoni mill-impjieg tal-attur ġiet speċifikata bħala *on disciplinary grounds*, ma japplikax *notice period*.

Iżżid li peress li meta mar għandhom l-attur qal li kien dovut xi ħlasijiet, huma rreferewh sabiex jiftaħ *claim* fl-uffiċċju ta' Għawdex. Tgħid iżda li l-attur qatt ma fetaħ *claim* kif ġie istruwiet jagħmel.

**Duminku Grech**, rappreżentant tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Imjieg f'Għawdex, xehed[34] li

[33] Traskrizzjoni a fol. 138 u 139.
[34] Traskrizzjoni a fol. 140 u 141.

minn naha ta' Għawdex għamlu verifiki u tkellmu mad-dipartiment f'Malta, speċifikatament mas-sinjura Veneziani, u kkonfermaw li magħhom ma saret ebda *claim*.

**Saviour sive Sammy Sciberras**, bidwi, klijent tas-soċjetà konvenuta, xehed[35] li l-attur kien mar għandu r-razzett biex ibigħlu l-pannelli fotovoltajiċi. Iżid li lill-attur kien qallu li mingħajr xi għajnuna finanzjarja ma kellux ħsieb jagħmel il-pannelli.

Iżid li darba mar għandu Anthony Saliba jkellmu f'isem is-soċjetà konvenuta. Jgħid li ma' Anthony ftiehem fuq pannelli u prezz bil-kundizzjoni li jieħu l-pannelli biss jekk jikkwalifika taħt skema. Jgħid li żmien wara li kellem lil Anthony kwalifika għal skema u mar għand is-soċjetà konvenuta sabiex jikkonkludi n-negozju.

Iżid li minn meta kellem lil Anthony Saliba 'l quddiem lill-attur la reġa' rah u anqas sema' bih.

Jgħid li meta darba ċempel lill-attur l-istess attur qallu li m'għadx għandu x'jaqsam u sabiex jirranġa mas-soċjetà konvenuta.

**In kontroeżami**, xehed[36] li huwa l-pannelli xtrahom direttament mingħand is-soċjetà konvenuta. Jispjega li żmien wara li kellmu Anthony mar hu fittex lis-soċjetà konvenuta sabiex jikkonkludi n-negozju.

Iżid li l-karti dwar in-negozju qegħdin f'idejh. Mistoqsi jekk in-negozju seħħx f'Ottubru tal-2014 jgħid li xi ħaġa hekk. Iżid li l-pannelli twaħħlu f'xi Settembru.

---

35 Traskrizzjoni a fol. 142 sa 145.
36 Traskrizzjoni a fol. 146 sa 148.

Jaqbel li l-attur kien ilu xi ħames (5) snin qabel dik id-data li kien kellmu dwar pannelli.

Jgħid li skontu n-negozju ma seħħx mal-attur għaliex anke l-pannelli u l-prezz inbidlu miż-żmien li tkellem mal-attur għaż-żmien meta kkonkluda mas-soċjetà konvenuta.

Jesibixxi dokument datat l-1 ta' Ottubru, 2014 maħruġ mis-soċjetà konvenuta dwar bejgħ lilu u installazzjoni ta' kwantita ta' pannelli fotovoltajiċi.[37]

**In kontroeżami ulterjuri**,[38] ipprezenta kopja ta' dokument li jgħid li huwa ftehim li kien daħal fih flimkien mas-soċjetà konvenuta rigward xiri ta' pannelli fotovoltajiċi kif ukoll ta' dokumenti ulterjuri.[39]

Jgħid li l-ewwel diskors kien għamlu mal-attur. Mistoqsi jafx li l-attur ma kienx għadu mal-kumpnaija fl-2014 jgħid li ma jafx iżda kien kellmu u kien qallu li issa f'idejn ħaddieħor. Jgħid li għalhekk beda jitkellem ma' Victor Sultana.

Jgħid li mal-attur kien innegozja fil-bidu iżda mbagħad mar Victor Sultana u għamillu offerta oħra. Jgħid li huwa mbagħad kompla jinnegozja ma' Victor.

Jgħid li huwa jqis li n-negozju mal-attur kien spiċċa għaliex imbagħad għamel negozju ieħor ma' Sultana. Jgħid li huwa

[37] Dokument a fol. 149.
[38] Traskrizzjoni tal-11 ta' Ġunju, 2021—mhux paġinata.
[39] Ftehim iffirmat max-xhud flimkien ma' Victor Sultana in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta f'Marzu tal-2014—data intiera mhux ċara—a fol. 757 u 758. Ittra datata s-6 ta' Settembru, 2014 a fol. 759. Fatturi datati s-17 ta' Settembru, 2014 u l-1 ta' Ottubru, 2014 a fol. 760 u 761.

beda n-negozju mal-attur imma għalqu ma' Victor Sultana u ta' d-depożitu lil Sultana.

**Joseph Sant**, eks impjegat tas-soċjetà konvenuta, xehed[40] li lill-attur jafu għax kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta meta applika għall-impjieg hu.

Jgħid li l-ewwel ma' tkellem wara li applika għall-impjieg kien mal-attur. Iżid li l-attur qallu li bħala paga kien ser ikollu ftit aktar minn dik minima. Jgħid li huwa insista fuq disa' mitt ewro (€900) fix-xahar b'dan li l-attur qallu li fuq hekk ikollhom jitkellmu mad-direttur, Anthony Saliba.

Jgħid li nżammet laqgħa bejnu, l-attur, u Anthony Saliba fejn issemmiet ukoll il-paga tal-attur u huwa insista fuq disa' mitt (€900) fix-xahar. Jgħid li Saliba qallu li b'disa' mitt ewro (€900) kien qed itih ftit anqas mill-attur li kien superjur tiegħu b'dan li kien ser jistenna xogħol tajjeb mingħandu. Iżid li l-attur dak iż-żmien kien *sales manager* mentri huwa kien ser ikun *sales executive*.

Jgħid li beda l-impjieg u dam xi tliet (3) xhur. Iżid li telaq għaliex il-paga ma kinitx titħallas regolarment kull xahar iżda kienet dejjem tard. Iżid li anke biex jiġbor il-*payslips* kellu diffikultajiet kbar. Jgħid li għalhekk anke peress li fuqu tiddependi familja għażel li jitlaq.

Jgħid li huwa kien fadallu jiġbor xi mija u ħamsin ewro (€150) f'kummissjonijiet meta telaq.

**Mario Galea**, in rappreżentanza tal-bank *HSBC Bank Malta p.l.c.*, xehed[41] li fuq talba sabiex jesibixxi kopja taċ-ċekkijiet kollha li tħallsu mis-soċjetà konvenuta lill-attur bejn l-2009 u l-2014, huwa sab u qiegħed jeżibixxi kopja taċ-ċekkijiet

[40] Traskrizzjoni a fol. 150 sa 155.
[41] Traskrizzjoni a fol. 165 u 166.

kollha li nstabu tul il-perjodu 2009 sal-2012. Iżid li għas-snin 2013 u 2014 ma sab xejn.

Jesibixxi kopja taċ-ċekkijiet kollha li sab.[42]

Jgħid li jista' jkun li nħarġu xi pagamenti minn xi kontijiet ulterjuri li ma fittixx fihom.

**Paul Curmi**, in rappreżentanza tal-bank *HSBC Bank Malta p.l.c.*, xehed[43] li l-kollega tiegħu Mario Galea esibixxa kopji ta' ċekkijiet maħruġa favur l-attur minn kont bankarju partikolari tas-soċjetà konvenuta. Iżid li huwa ttenta jġib kopji ta' ċekkijiet maħruġa bejn l-istess partijiet minn kontijiet oħrajn.

Jesibixxi kopji ta' diversi ċekkijiet li sab li nħarġu minn żewġ kontijiet bankarji addizzjonali għal dak li xehed dwaru Mario Galea.[44]

**Maria Giordmaina**, in rappreżentanza tad-ditta *WH Property Limited*, xehdet[45] li s-soċjetà konvenuta installat pannelli fotovoltajiċi fl-uffiċini tagħhom f'Ta' Xbiex, Malta. Tgħid li ma tafx meta saru n-negozjati dwar il-pannelli bejnhom u bejn is-soċjetà konventua għaliex dak iż-żmien hija kien għadha ma bdietx taħdem mad-ditta *WH Property Limited*.

Mistoqsija dwar l-attur tgħid li ismu jidher fuq xi korrispondenza li qrat b'dan li taf li kien involut fil-bejgħ tal-pannelli.

Tesibixxi kopja ta' kwotazzjoni datata l-1 ta' Awwissu, 2011,[46] kuntratt ta' xiri datat it-3 ta' Awwissu, 2011,[47] fattura

[42] Kopji f'envelop ta' lewn kannella a fol. 167 tal-proċess.
[43] Traskrizzjoni a fol. 172 sa 174.
[44] Kopji f'envelop ta' lewn kannella a fol. 175 tal-proċess.
[45] Traskrizzjoni a fol. 177 sa 179.

datata t-3 ta' Awwissu, 2011,[48] u prova tal-pagament b'ċekk.[49]

Tgħid li dak iż-żmien min-naħa tagħhom in-negozjati mas-soċjetà konvenuta kien ħa ħsiebhom ċertu Maik Metz.

**Owen Ellul**, in rappreżentanza tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, xehed[50] li r-Regolatur iniedi skemi varji inkluż dwar pannelli fotovoltajiċi u *solar water heaters*.

Iżid li s-soċjetà konvenuta għamlet diversi applikażżjonijiet għall-klijenti tagħha taħt skemi partikolari.

Jesibixxi dokument li juri l-installazzjonijiet kollha li saru mis-soċjetà konvenuta bejn l-2009 u l-2013 taħt xi skema.[51]

**Margie Saliba**, mart Anthony Saliba, xehdet[52] li d-dettalji mitluba minnha dwar bejgħ ta' pannelli fotovoltajiċi u prodotti oħra mill-ħanut li s-soċjetà konvenuta għandha fil-Mosta, Malta, m'humiex f'idejha.

Dwar pagi tgħid li hija parti mill-amministrazzjoni tas-soċjetà konvenuta b'dan li għandhom persuna impjegata sabiex toħroġ il-pagi tal-impjegati kollha. Iżżid li ċ-ċekk finalment kienet tiktbu hi.

Tgħid li l-attur dejjem tħallas il-*bonuses* tal-Gvern skont il-liġi.

---

[46] Kwotazzjoni a fol. 190 sa 237.
[47] Kuntratt ta' xiri a fol. 180 sa 189.
[48] Fattura a fol. 238 sa 240.
[49] Dokument a fol. 241.
[50] Traskrizzjoni a fol. 242 sa 244.
[51] Dokumenti—*bound*—f'envelop ta' lewn kannella a fol. 245.
[52] Traskrizzjoni a fol. 265 sa 273.

Tesibixxi sensiela ta' FS3s kif ukoll ta' *payslips* maħruġa lill-attur. Tispjega li l-*bonuses* huma mniżżla bħala *bonuses* mentri l-kummissjonijiet jidhru bħala *allowances*.[53]

Tgħid li l-attur flimkien ma' impjegat ieħor, ċertu Timothy Jones, kienu ġieli t-tnejn jitolbu kummissjoni fuq l-istess bejgħ. Iżżid li għalhekk kienu tawhom lista sabiex jindikaw min minnhom ikkonkluda n-negozju sabiex huma jħallsu l-kummissjonni biss lill dak li jkun ikkonkluda n-negozju.

Tgħid li l-*payslips* kienu joħorġu kull xahar bħalma kien joħroġ iċ-ċekk tal-paga. Tiċċara li s-sistema kienet toħroġ il-*payslips* kull xahar iżda ma tafx jekk dawn kinux jingħataw lill-attur.

Mistoqsija għalfejn l-attur li beda b'paga ta' tmien mitt ewro (€800) fix-xahar, fuq il-*payslip* tiegħu daqqa jidher valur ta' tmien mitt ewro (€800), daqqa jidher ta' tmien mija u erbgħin ewro (€840), daqqa ta' ċirka seba' mitt ewro (€700) ladarba tul iż-żmien il-paga tiegħu għolliet u mhux naqset tgħid li dak jiddependi mis-sigħat li jkun ħadem.

Moqrija lilha l-*payslip* għall-prejodu bejn l-1 ta' Diċembru, 2009 u l-31 ta' Diċembru, 2009 li fuqha tidher tmien mija u erbgħin ewro (€840) paga, mija u tliet ewro (€103) *bonus*, u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€0.41ċ) *allowance* u mistoqsija jekk hawnhekk il-kummissjoni kinitx allura biss ta' wieħed

[53] Dokumenti f'envelop ta' lewn kannella a fol. 282 li huma l-istess bħal dawk esibiti mill-attur a fol. 51 sa 104 bl-aġġunta ta' xi *payslips* neqsin, inkluż dawk għal xi xhur tas-sena 2013 u dawk relattivi għas-sena 2014.

u erbgħin ċenteżmu (41ċ) tgħid li ma tafx tirrispondi għaliex hija kienet biss fl-amministrazzjoni.

Mistoqsija minn kien joħroġ il-*payslips* tgħid li ċertu wieħed Philip li m'għadux magħhom.

**In kontroeżami**, xehdet[54] li l-impjegati tagħhom jużaw *punch clock* malli jidħlu xogħol u kif joħorġu. Iżżid li l-*punch clock* ta' kull ħanut huwa konness mas-sistema ċentrali fl-uffiċini prinċipali.

Tgħid li l-attur ġieli m'utilizzax il-*punch clock* meta ħareġ. Iżżid li din kienet tikkrea konfużjoni kbira meta tal-*accounts* jiġu biex jaħdmu l-paga tal-attur.

Iżżid li l-attur kemm-il darba telaq mill-ħanut u ħalla l-ħanut waħdu sa xi kwarta, xi ħaġa li huma kienu jaraw mis-sistema tas-CCTV. Iżżid li ġieli daħlu nies li saqsew għalih u ma jkellimhomx. Tgħid li ġieli anke ċemplu mill-*accounts* tal-uffiċċju prinċipali u ma jaqbadhomx b'dan li mbagħad ikollha ċċempel hi. Tgħid li ġieli anke kien jaqbad jgħajjat u jitkellem ħażin inkluż magħha personalment.

Tgħid li l-ħanut tal-Mosta kien f'idejn l-attur li meta jfettilu ma kienx jobdi l-ordnijiet u l-proċeduri tal-kumpanija.

**In rieżami**, xehdet[55] li normalment impjegat magħhom jaħdem tmien (8) sigħat b'dan li ma tafx jekk il-ftehim mal-attur kienx ta' paga fissa jew li jitħallas bis-siegħa.

**In kontroeżami ulterjuri**,[56] murija d-dokumenti preżentati fl-atti tal-kawża minn żewġha a fol. 349 et seq u mistoqsija jekk dawn humiex dokumenti li jiġu preparati tul is-snin jew ġewx preparati appożitament għar-rigward tal-kawża

[54] Traskrizzjoni a fol. 273 sa 280.
[55] Rieżami a fol. 280.
[56] Traskrizzjoni a fol. 407 sa 409.

xehdet li trid tikkonsulta mad-dipartiment tal-*accounts* tas-soċjetà konvenuta.

**In kontroeżami ulterjuri**,[57] xehdet li d-dokumenti a fol. 349 et seq ma sarux speċifikatament għall-kawża iżda jsiru tul l-andament tax-xogħol normali mid-dipartiment tal-*accounts* tas-soċjetà konvenuta.

**Anthony Saliba**, direttur maniġerjali tas-soċjetà konvenuta, xehed[58] li l-*bonus* tal-Gvern tħallas lill-attur kif dettaljat fuq il-*payslips* li jindikaw kemm *bonus* kif ukoll kummissjonijiet mhallsa. Iżid li l-kummissjonijiet jidhru taħt *overtime allowances*. Iżid li taħt il-kappa *overtime allowances* jista' jkun hemm ħlasijiet oħra oltre l-kummissjoni.

Jgħid li l-*payslips* dejjem għaddew lill-attur bl-imejl sa ma' talab kopja oħra tagħhom fl-aħħar.

Riferut għall-*payslips* ta' April u Mejju, 2014 u mistoqsi jekk dawn tħallsux, jesibixxi kopji ta' varji ċekkijiet u jgħid li dawn jinkludu l-ħlas għal dawk iż-żewġ (2) *payslips*.

Jgħid li l-attur kien qed iniżżel bħala bejgħ minnu bejgħ magħmul minn aġenti oħra fl-uffiċċju ta' Malta. Iżid li b'riżultat ta' dan id-dipartiment tal-*accounts* tas-soċjetà konvenuta fornit listi sabiex l-aġenti jindikaw min biegh xiex.

Jispjega li fiċ-ċekkijiet esibiti minnu waqt din it-testimonjanza jidhru ħlasijiet ta' paga flimkien ma' kummissjonijiet. Iżid jgħid li t-totali jirriflettu dan.

Jaqbel allura li l-ammont li jidher fuq il-*payslip* ma kienx jinħareġ ċekk jaqbel miegħu. Iżid li ċ-ċekk kien joħroġ għal aktar għax kien jinkudli fih il-kummissjoni.

Jgħid li ċekk f'Mejju ma sarx għaliex l-attur tħallas qabel kemm għall-paga kif ukoll għall-kummissjoni biċ-ċekk kien jinkorpora dawn it-tnejn.

Jispjega li l-paga ta' Mejju dovuta lill-attur tħallset mill-pagamenti li kienu għamlulu bil-quddiem bħala kummissjoni.

Jgħid li s-soċjetà konvenuta lill-attur ħallsitu aktar milli jmessu għaliex imxiet fuq dikjarazzjonijiet ta' bejgħ li għamel l-attur li kienu jinkludi bejgħ magħmul minn aġenti oħra. Jgħid li tant huwa hekk li huwa rċieva lment minn aġent ieħor dwar kummissjoni li flok tħallset lilu tħallset lill-attur.

Jgħid li s-soċjetà konvenuta għandha sistema li żżomm akkont tal-bejgħ. Iżid li min din is-sistema rriżulta xi negozji reġistrati doppjament fejn allura huma qasmu l-kummissjoni bejn żewġ (2) aġenti.

**In kontinwazzjoni**,[59] xehed billi esibixxa rendikont tal-bejgħ tal-ħanut tal-Mosta għas-snin 2009, 2010, 2011, u 2012.[60] Iżid li f'dawn id-dokumenti jidhru ħlasijiet li saru l-Mosta anke jekk l-ordni għall-prodott ma tkunx saret il-Mosta. Jgħid li anke kuntratti u *tenders* li jkunu nħarġu Għawdex jistgħu jirriżultaw fuq dawn id-dokumenti jekk il-pagament ikun inġabar il-Mosta.

Jgħid għalhekk li r-rendikonti esibiti ma jurux biss in-negozji konklużi l-Mosta. Iżid li anke bejgħ li jsir fil-fieri jidħol mar-rendikont tal-Mosta.

---

[57] Traskrizzjoni a fol. 411 sa 413.
[58] Traskrizzjoni a fol. 313 sa 323.
[59] Traskrizzjoni a fol. 340 sa 348.
[60] Rendikont a fol. 349 sa 389.

Jesibixxi dokument addizzjonali li jgħid li kien provdut lill-aġenti tas-soċjetà konvenuta sabiex ilkoll jindikaw minn għamel liema bejgħ.[61]

Mistqosi mill-Qorti jekk is-soċjetà konvenuta kellhiex mod kif tiddistingwi bejn minn mill-aġenti tagħha jkun ikkonkluda l-bejgħ jekk mhux b'dikjarazzjoni tal-aġenti stess jgħid li suppost il-fatturi jindikaw iżda l-attur kien iniżżel ismu anke fuq fatturi ta' negozji li jkunu ġew konklużi minn aġenti oħrajn.

Jippreżenta eżempju ta' tali fattura.[62] Jgħid li l-fattura—intestata lil ċertu Carmel Bartolo[63]—turi li l-aġent imniżżel huwa l-attur[64] mentri fuq il-lista li taw lill-aġenti sabiex jindikaw minn minnhom ikkonkluda n-negozju tidher fuq Timothy Jones.[65] Jagħmel eżempju addizzjonali b'fattura intestata lil ċertu Mario Grech.[66]

Jgħid li kien Timothy Jones li lmenta li bejgħ tiegħu qed jitniżżel mill-attur fuq ismu sabiex il-kummissjoni jeħodha l-attur minfloku.

**Xehed ulterjorment permezz ta' affidavit**.[67] Jiddikjara li s-soċjetà konvenuta bdiet tinnegozja fl-2008 bl-attur daħal jaħdem magħha lejn l-aħħar ta' Awwissu, 2009.

Jgħid li dak iż-żmien is-soċjetà konvenuta kellha l-uffiċċju ewlieni tagħha f'Għawdex u żewġ (2) ħwienet, wieħed ir-Rabat, Għawdex u ieħor il-Mosta, Malta. Iżid li s-soċjetà

[61] Dokument a fol. 390 sa 395.
[62] Fattura a fol. 396 sa 398.
[63] Fil-fatt l-isem li jidher fuq il-fattura dok «ASA6» huwa Carmelo Abela.
[64] Jidher bħala «*jazzopard*» fejn il-kliem *Sales Executive* fit-tieni paġna tal-fattura a fol. 397.
[65] Ismu jidher bħala «Tim» fuq l-ewwel paġna tad-dokument a fol. 390 maġenb id-dettalji tal-fattura relattiva.
[66] Fattura a fol. 399 sa 401.
[67] Affidavit a fol. 436 sa 443 b'dokumenti a fol. 444 sa 534.

konvenuta kienet tħaddem mat-tletin (30) ruħ bil-lum in-numru ta' impjegati rdoppja.

Jiddikjara li l-attur beda jaħdem bħala *sales representative* u hekk baqa' sal-aħħar. Iżid li l-impjieg tiegħu ġie terminat fil-25 ta' Mejju, 2014 fuq raġunijiet dixxiplinari. Jesibixxi kopji ta' dokumenti maħruġa mill-aġenzija tal-impjieg *JobsPlus* relattivi għal dan.[68] Jiċċara li l-attur kien ingħata t-tmien (8) ġimgħat *notice* applikabbli fil-25 ta' Marzu, 2014 b'dan li spiċċa fil-25 ta' Mejju, 2014.

Jiddikjara li matul il-perjodu tan-*notice* tiegħu l-attur utilizza l-*leave* kollu li kien fadallu u għalkemm għall-bqija tal-ġranet ma daħalx xogħol fuq struzzjonijiet tax-xhud—Anthony Saliba—huwa tħallas xorta għall-perijodu sħiħ tan-*notice*.

Jesibixxi dokument—*MTS Attendance Report*—maħruġ mis-sistema kompjuterizzata tas-soċjetà konvenuta li juri li bejn Marzu u Mejju, 2014 l-attur qatt ma daħal għax-xogħol.[69] Jgħid li minkejja dan l-attur xorta tħallas il-paga dovuta.

Jiddikjara li l-attur tħallas il-paga u benefiċċji kollha li kien intitolat għalihom skont il-ligi sal-25 ta' Mejju, 2014.

Jiddikjara li l-*payslips* maħruġa lill-attur juru l-ħlasijiet magħmula lilu tal-paga bażika, *bonuses* li jitħallsu bil-liġi f'Marzu, Ġunju, Settembru, u Diċembru, u l-kummissjoni fuq bejgħ magħmul minnu—li jgħid li tidher taħt in-nomenklatura «*overtime/allowances/adjustments*»—kif ukoll il-ħlas f'ismu mis-soċjetà konvenuta tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali u t-taxxa li kienet tinżamm mill-paga

[68] Dokumenti a fol. 444 sa 446.
[69] Dokumenti a fol. 447.

tiegħu u titħallas lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni mal-FSS —*final settlement system*—kif aħjar magħrufa bħala l-FS3.

Jesibixxi kopja tal-*payslips* li jgħid li huma xahar b'xahar mill-2009 sal-2014[70] u tal-FS3s relattivi u *acknowledgments* li jintbagħtu bħala prova tas-sottomissjoni tal-formuli u l-ħlas tat-taxxa.[71] Jgħid li minn dawn id-dokumenti jirriżulta li taxxa mhux imħallsa ma kienx fadal tant li bħala *tax arrears* hemm imnizzel «0»—*żero*.

Jiddikjara li huwa ma kellu ebda ftehim mal-attur li ser titħallaslu xi taxxa oltre dik li kienet tinżamm mill-paga tiegħu u tħallset mal-FS3.

Jesibixxi rendikont xahar b'xahar u sena b'sena tat-total ta' paga bazika li rcieva l-attur, kif ukoll tal-*bonuses* u *allowances* u kummissjonijiet fuq bejgħ li għamel, total ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali mħallsa u total ta' taxxa miżmuma għall-finijiet tal-FS3.[72]

Jispjega li l-attur beda b'paga bażika ta' seba' mija u seba' ewro u għoxrin ċenteżmu (€707.20ċ) fix-xahar u spiċċa b'paga ta' elf ħames mija u sittin ewro (€1,560) fix-xahar. Oltre dan kellu l-kummissjonijiet fuq bejgħ li jagħmel.

Jgħid li l-attur kien talab ħlas ta' kummissjonijiet fuq bejgħ magħmul minn impjegati oħra, partikolarment ċertu Timothy Jones li għamel żmien jaħdem miegħu fil-ħanut tal-Mosta.

Iżid li meta ra li kemm l-attur kif ukoll Jones kienu qed jitolbu kummissjoni fuq l-istess negozji huwa pprovdielhom lista tal-klijenti sabiex fuqha jimmarkaw minn biegħ xiex. Iżid li huwa ħallas il-kumissjonijiet dovuta skont dak minnhom dikjarat u maqbul f'din il-lista.

Jesibixxi kopja ta' din il-lista.[73]

Jesibixxi kopji ta' ittri legali li għaddew bejn ir-rappreżentant legali tal-attur u dak tiegħu.[74] Jgħid li dak iż-żmien l-attur kien qed jitlob erbat elef seba' mija u għoxrin ewro (€4,720) f'kummissjonijiet mentri issa qed jippretendi l-ammont ta' dsatax-il elf tliet mija u ħamsa u tmenin ewro u sitta u tletin ewro (€19,385.36) li wasal għalih fuq eżerċizzju li għamel fuq listi provduti f'din l-istanza mix-xhud rappreżentant tal-Awtorità tar-Riżorsi ta' Malta.

Jgħid li fl-eżerċizzju hekk magħmul minnu fuq tali listi l-attur immarka kull installazzjoni ta' pannelli fotovoltajiċi li saret f'Malta bħala bejgħ magħmul minnu mentri dan ma kienx il-każ għax is-soċjetà konvenuta kellha *sales representatives* oħra f'Malta oltre l-attur.

Jiddikjara li fl-2014 l-attur ma kellu ebda kummissjoni dovuta lilu bil-kummissjonijiet kollha pendenti lilu kienu thallsu fil-valur ta' tmint elef tliet mija u sebgħa u disgħin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€8,397.76) b'parti mill-valur dovut lilu kien ukoll ġie paċut mal-prezz ta' diversi oġġetti li l-attur kien xtara mill-ħanut tal-Mosta għalih personalment.

Jesibixxi *statement of account* relattiv għall-oġġetti li l-attur xtara għalih innifsu.[75]

---

[70] Fil-fatt il-kopji esibiti jkopru l-perjodu bejn Awwissu 2009 u Diċembru 2009 kif ukoll: kull xahar tas-sena 2010, kull xahar tas-sena 2011, kull xahar tas-sena 2012, minn Jannar sa Settembru tas-sena 2013, u minn Jannar sa Mejju, 2014 a fol. 448 sa 502.

[71] FS3s u hekk mix-xhud imsejħa *acknowledgments* a fol. 503 sa 514.

[72] Dokumenti juru rendikont kif deskritt għas-snin 2010 sa 2014 iżda mhux għas-sena 2009—a fol. 515 sa 520.

[73] Lista a fol. 521 sa 522.

[74] Ittri a fol. 523 sa 526.

[75] *Statement of account* a fol. 527.

Jgħid li lill-attur huwa ma fadallu jagħtih xejn.

Iżid li b'kollox bejn Jannar u Mejju, 2014 meta spiċċa l-impjieg tal-attur, l-attur kien ircieva tlettax-il elf seba' mija u ħamsa u għoxrin ewro u disa' u tletin ċenteżmu (€13,725.39) liema valur jirriżulta miċ-ċekkijiet esibiti mir-rappreżentanti tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.*.

Jiddikjara li fil-ħanut tal-Mosta l-attur għamel biss ftit xhur waħdu. Iżid li bejn l-2010 sat-tmiem tal-impjieg tal-attur huwa kellu impjegati oħra miegħu li wkoll kienu jbighu. Isemmi lil Joseph Sant, Joseph Brian Portelli, Joseph William Portelli, Elton Cachia, Victor Sultana, u Timothy Jones. Jippreżenta listi ta' impjegati tas-soċjetà konvenuta li juru dan.[76]

Jgħid li fil-ħanut tal-Mosta ġieli kien ikun hemm żewġ impjegati u ġieli tlieta, skont il-bżonn.

Jiddikjara li apparti l-impjegati li semma kellu mpjegati oħrajn li ma kinux jaħdmu fil-ħanut iżda kienu wkoll ibighu. Isemmi lil Chris Scicluna, Charmaine Bugeja, Michael Cini, Lino Attard, Steve Azzopardi, u Mario Saliba. Iżid li dawn ukoll jidhru fuq il-lista ta' impjegati diġà esibita qabel.

Jgħid li anke martu kienet tbiegh iżda din ovvjament ma kinitx tirċievi kummissjoni.

Jiddikjara li apparti dawn l-impjegati li semma kellu wkoll impjegati kuntrattati bħala *freelancers*. Isemmi lil Mario Azzopardi u Mario Farrugia. Jgħid li dawn kienu jaħdmu fuq bażi ta' kummissjoni biss.

[76] Listi a fol. 528 sa 532.

Jgħid li l-attur jippretendi ħlas ta' kummissjoni fuq kull applikażżjoni li daħlet għand l-Awtorità tar-Riżorsi ta' Malta—anke fejn il-bejgħ ma kienx sar minnu—fuq kull installazzjoni li saret Malta. Iżid li s-soċjetà konvenuta iżda mhux lilu biss kellha jbiegħ f'Malta.

Iżid li l-attur qed jitlob ukoll kummissjoni fuq bejgħ li għalkemm jidher fuq Malta kien sar Għawdex iżda il-klijent kellu karta tal-identità Maltija jew proprjetà f'Malta kif ukoll fuq bejgħ li sar mill-fieri meta kien hemm kundizzjoni li fuq bejgħ mill-fieri ma titħallasx kummissjoni.

Jiddikjara ulterjorment li l-kummissjoni dejjem kienet pagabbli bil-wieħed fil-mija (1%) fuq il-valur tal-bejgħ eskluż il-VAT. Jgħid li kull impjegat kien intitolat għall-kummissjoni mingħajr esklużjoni.

Jesibixxi kopja ta' imejl mibgħuta mill-attur innifsu lil impjegat ieħor, ċertu Antoine Galea, fejn l-attur jidher jispjega lil Galea li l-kummissjoni fuq bejgħ kienet ta' wieħed fil-mija (1%).[77]

Jagħlaq billi jgħid li wara li ġie terminat l-attur huwa għamel verifiki dwar jekk kienx fadal ordnijiet rigward bejgħ magħmul mill-attur li kien għadhom ma ġewx provduti lill-klijenti sbaiex f'tali każ kienet titħallas il-kummissjoni relattiva lill-attur. Jgħid li ma kien irrizulta xejn min dan. Jgħid għalhekk li huwa mal-attur ssalda l-pendenzi kollha u ma fadallu jagħtih xejn la f'paga u anqas mod ieħor.

**In kontroeżami**,[78] xehed li l-attur kien responsabbli mill-ħanut tal-Mosta u kien jokkupa l-kariga ta' *sales executive*.

[77] Imejl a fol. 533.
[78] Udjenza tas-27 ta' Mejju, 2022—traskrizzjoni mhux paġinata.

Jgħid li Timothy Jones kien jokkupa l-istess rwol tal-attur iżda kien fuq barra mentri l-attur kien fil-ħanut.

Mistoqsi għalfejn ta' n-*notice* lill-attur meta jikkontendi li dan tkeċċa fuq raġunijiet dixxiplinari fejn allura m'hemmx obbligu legali li jingħata n-*notice* jixhed li l-attur ingħata n-*notice* iżda ma ħadimhiex għax lilu kien jaqbillu li ma jaħdimhiex tant kien qed jagħmillu ħsara.

Mistoqsi għal darb'oħra għalfejn iżda tah in-*notice* fejn ma kienx obbligat jagħmel hekk jgħid li ddeċieda jtih in-*notice* li però ma nħadmitx.

Jgħid li l-kummissjonijiet tal-attur dejjem tħallsu fil-ħin taħt il-kappa ta' *allowance*.

Jgħid li l-attur irreġistra xi negozji f'ismu mentri fil-fatt dawn kienu ta' Jones u oħrajn. Jgħid li għalhekk kemm l-attur kif ukoll Jones ingħataw lista sabiex jivverifikaw ta' minn kienu n-negozji. Jgħid li din kienet waħda mir-raġunijiet għalfejn il-kummissjonijiet tħallsu tardivament.

Jgħid li tul l-impjieg tal-attur il-kummissjonijiet tħallsu *on account* mal-paga ta' kull xahar. Iżid li wara li saru l-listi fejn l-attur u Jones identifikaw ta' minn kienu n-negozji sar eżerċizzju fejn irregolaw x'kien fadal jitħallas lilhom f'kummissjonijiet tenut kont tal-ħlasijiet li kienu diġà saru skont il-*payslips*. Iżid li bil-*payslips* tħallsu kummissjonijiet bil-quddiem, mhux tardivament.

Jiċħad dak li qalu l-attur u Jones li huma qatt ma rċevew *payslips*.

Jgħid li ċ-ċekkijiet magħmula lill-attur ma jaqblux mal-*payslips* għax bihom kien qed iħallas ukoll kummissjoni bil-quddiem.

Mistoqsi mill-Qorti kif tista' kummissjoni titħallas bil-quddiem jgħid li porzjon minnha kienet titħallas bil-quddiem b'dan li toħroġ ma' kull ċekk tal-paga.

Mistoqsi mill-Qorti kif dan jista' jkun meta kummissjoni tiġi dovuta ma' bejgħ u titħallas skont il-valur tal-istess bejgħ jgħid li huma kienu jħallsu l-valur tal-paga u kummissjoni skont il-*payslip* b'valur addizzjonali bħala ħlas ta' kummissjoni bil-quddiem.

Jgħid li mbagħad kellha ssir *reconciliation* li saret meta l-attur u Jones identifikaw minn minnhom kien għalaq liema negozji.

Jgħid li l-attur kien jaqleb in-negozji kollha magħmula mill-Mosta għal fuq ismu. Mitlub iressaq dokument li juri liema kienu n-negozji ta' ġaddiema oħra li nqalbu fuq isem l-attur jgħid li jista' jagħmel dan. Jgħid li kif ingħataw listi lil Jones u lill-attur sabiex dawn jidentifikaw min minnhom għalaq liema negozji l-istess sar ma' impjegati oħrajn.

Mistqosi mill-Qorti, jgħid li huwa kien isir jaf li qed tintalab kummissjoni minn żewġ impjegati fuq l-istess negozju meta tintalab l-istess kummissjoni għat-tieni darba. Jgħid ukoll li jaqbel mal-Qorti li jista jkun ukoll li ħaddieħor kien qed jippretendi kummissjoni fuq bejgħ magħmul mill-attur.

Jgħid li meta huma raw li qed tintalab kummissjoni fuq l-istess negozju minn żewġ impjegati, sejħulhom u qalulhom jew tgħidulna lil min hija dovuta l-kummissjoni jew ser naqsmu l-istess nofs bin-nofs.

Mistoqsi kemm-il darba sar dan il-proċess jgħid li mal-attur u ma' Jones għamlu żgur.

Mistoqsi jsemmi ma' min aktar mill-impjegati qamet din il-kwistjoni fil-konfront tal-attur u sar l-eżerċizzju tal-listi ta' negozji jsemmi lil Joseph Brian Portelli u Joseph Portelli. Suġġerit lilu li dawn anqas biss kienu jaħdmu mal-attur jgħid li kienu għax kienu t-tnejn impjegati fl-istess żmien mal-attur.

Jobbliga ruħu li jressaq dokument li juri n-negozji magħluqa u kummissjonijiet li tħallsu lil Victor Sultana.[79]

**Sandra Gatt**, direttriċi tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi, xehdet[80] li fil-perjodu relattiv il-*bonus* tal-Gvern baqa' l-istess ossia ta' mija u ħamsa u tletin ewro u għaxar ċenteżmi (€135.10ċ) jitħallsu f'Ġunju u Diċembru għal total ta' mija u sebgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€270.20ċ) fis-sena.

Iżżid li mal-paga ta' Marzu u Settembru trid tingħata wkoll *weekly allowance* ta' mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16ċ) mill-prinċipal lill-impjegat

**Timothy Jones**, eks impjegat tas-soċjetà konvenuta, xehed[81] li bejn wieħed u ieħor huwa hadem mas-soċjetà konvenuta bejn Frar tal-2013 u Marzu tal-2014. Iżid li kien jaħdem fil-ħanut tal-Mosta bħala *salesman*.

Jgħid li bħala paga beda bil-paga minima mentri kummissjoni kienet titħallas bit-tnejn fil-mija (2%).

Jgħid li dwar l-kummissjoni bit-tnejn fil-mija (2%) l-ftehim kien biss bil-fomm u mhux bil-miktub. Jgħid li anqas kuntratt ta' impjieg ma kellu.

---

[79] Jippreżenta l-istess b'nota tal-10 ta' Ottubru, 2022—mhux paġinata.
[80] Traskrizzjoni a fol. 336 sa 338.
[81] Traskrizzjoni a fol. 545 sa 563.

Jgħid li qablu fil-ħanut kien hemm biss l-attur.

Jinsisti li l-ftehim dwar kummissjoni kien li kellha tkun pagabbli bit-tnejn fil-mija (2%).

Jgħid li dwar ħlas xejn ma' sar kif kien miftiehem. Iżid li kummissjoni tħallset biss xi ħaġa żgħira. Jgħid li huwa qatt ma' tħallas ta' kollox.

Muri d-dokument a fol. 521 u 522 jgħid li dan kien ġie mogħti lilu u lill-attur sabiex fuqu jindikaw min ikkonkluda liema bejgħ. Iżid li huwa għandu kopja tal-istess dokument iżda m'hemmx il-ktieba kollha li tidher fuqu bil-pinna fil-proċess.

Jispjega li dak id-dokument ingħata kemm lilu u kemm lill-attur sabiex huma t-tnejn, fuq il-kopja individwali tagħhom, jimmarkaw min ikkonkluda liema bejgħ. Iżid li id-dokument m'huwiex lista kompluta tal-bejgħ kollu li sar fis-snin 2013 u 2014.

Jispjega li huwa kien imur jiltaqa' man-nies, jieħu l-qisien tal-bjut u jara kemm joqogħdu pannelli fotovoltajiċi. Iżid li mill-klijenti minn kien iħallas depożitu u min imexxi u min le. Jgħid li min mill-klijenti kien imur il-ħanut il-bejgħ kien jitniżżel bħala konkluż min minn kien jilqagħhom fil-ħanut.

Jgħid li r-raġuni għaliex sar neċessarju d-dokument li ngħata lilu u lill-attur sabiex fuqu jidnikaw min minnhom kien ikkonkluda liema bejgħ kienet in-nuqqas tas-soċjetà konvenuta f'li taqbad u tħallas il-kummissjonijiet dovuta fl-aħħar ta' kull xahar b'dan li mbagħad kien hemm bzonn kjarifici għax ikun għaddha ż-żmien.

Jgħid li bid-dokument provdut lilu u lill-attur huma kellhom jieħdu responsabbiltà jindikaw huma lis-soċjetà konvenuta min minnhom kien dovut il-kummissjoni.

Jinsisti li mhux minnu li l-istess dokument ġie provdut għax fuq xi negozji ntalbet kummissjoni kemm minnu u kemm mill-attur.

Jgħid li huwa wkoll fetaħ kawża t-Tribunal Industrijali għax baqagħlu ħlasijiet x'jiġbor.

Jerġa' jgħid li qabel daħal jaħdem hu fil-ħanut il-Mosta l-attur kien waħdu. Jiċċara iżda li kien hemm impjegat ieħor li kien leħaq tkeċċa qabel daħal hu. Jgħid li l-attur għamel qishom tliet (3) ġimgħat waħdu qabel daħal jaħdem miegħu hu.

Jgħid li mil-fieri ma kienx isir bejgħ iżda biss konsultazzjoni ma' klijenti prospettivi. Jgħid li l-bejgħ kien isir wara meta wieħed imur fid-dar ta' klijent prospettiv, jieħu l-kejl, u tintlaqa' proposta.

Riferut għall-istess dokument li fuqu huwa u l-attur qablu min minnhom ikkonkluda liema nogozju u misqtosi għalfejn hemm miktub «*t/fair*» maġenb uħud mill-entraturi u jekk din tfissirx li fuq bejgħ mil-fieri ma kinux intitolati għall-kummissjoni jgħid li dik inkitbet wara li ttieħdet l-iżbriga tal-fieri u li kieku tassew ma kinux ser jiġbru kummissjoni mill-fieri kien imur jgħum mhux il-fieri.

Jgħid li huwa għandu lista tiegħu tal-bejgħ li għamel hu u li lest jipprezenta kopja tagħha.

Riferut għal-lista tal-bejgħ inkluża mal-ewwel affidavit tal-attur—a fol. 45 sa 50—jgħid li dik hija lista ta' negozji li

għamlu kemm hu u kemm l-attur iżda fuqha m'hemmx immarkat min minnhom ikkonkluda liema bejgħ.

Jgħid li darb'oħra jġib il-lista tiegħu li fuqha huwa mmarka liema negozju kien konkluż minnu.

**In kontinwazzjoni**,[82] esibixxa kopja tal-lista tiegħu dwar bejgħ konkluż minnu li fuqha huwa mmarka liema bejgħ sar minnu.[83]

Jispjega li din il-lista turi l-bejgħ kollu magħmul kemm minnu u kemm mill-attur. Jgħid li din kien tahilhom Anthony Saliba sabiex fuqha jimmarkaw huma minn ikkonkluda liema bejgħ.

Jippreżenta lista oħra li jgħid li suppost turi t-total tal-kummissjonijiet li effettivament tħallas kemm dam impjegat mas-soċjetà konvenuta.[84]

Jgħid li dak il-valur li tħallas irċevih fl-aħħar. Iżid li kemm huwa u kemm l-attur baqgħu ma tħallsux kollox u għalhekk huwa beda proceduri fit-Tribunal Industrijali.

Jesibixxi kopja tal-*payslips* tiegħu u jgħid li l-istess kienu waslu għandu fl-aħħar tas-sena mhux kull xahar mal-paga.[85]

Riferut għal dokumenti esibiti waqt ix-xhieda tiegħu mill-avukat patroċinanti s-soċjetà konvenuta,[86] jgħid li tali dokumenti huwa qatt ma rahom. Iżid li mhux minnu dak li jgħidu l-istess dokumenti li f'Jannar, Frar u Marzu 2014 huwa tħallas mas-sitt elef ewro (€6,000). Iżid li anqas huma

---

[82] Traskrizzjoni a fol. 565 sa 583.
[83] Dokument a fol. 589 sa 597.
[84] Dokument a fol. 599 u 600.
[85] Il-kopja esibiti juri *payslips* ta' Diċembru 2013—żewġ *payslips* – kif ukoll *payslips* għal Jannar, Frar, Marzu, u Mejju, 2014.
[86] Dokumenti a fol. 608 sa 612.

minnu li minn Diċembru 2013 sa Marzu 2014 tħallas mat-tmint elef ewro ( €8,000).

Jgħid li biss biss jekk iqabbel il-*payslip* ta' Diċembru, 2013 mad-dokument muri lilu l-elfejn ewro (€2,000) li suppost tħallsu lilu skont id-dokument muri lilu ma jidhrux fuq il-*payslip*.

Mistoqsi mill-Qorti jekk il-kummissjoni tkunx tidher fuq il-*payslip* jgħid li jekk ssir referenza għal-*payslip* ta' Jannar, 2014 tidher il-kummissjoni imnizzla bħala «*allowance*».

Riferut mill-Qorti għal fatt li hemm żewġ *payslips* tal-2013 u mistoqsi jistax ikun li kienet toħroġ *payslip* għal paga u oħra għall-kummissjoni jgħid li l-*payslip* qatt ma waslitlu maċ-ċekk.

Jinsisti li huwa baqa' qatt ma tħallas ta' kollox.

Muri dokument ieħor esibit mir-rappreżentant legali tas-soċjetà konvenuta waqt ix-xhieda tiegħu,[87] jgħid li dak juri lista ta' bejgħ li kienu għamlu xi marki fuqha. Jgħid li fuq l-istess iffirmaw huwa u Anthony Saliba.

Jispjega li dak id-dokument sar wara li kien diġà ilhom sena jaħdmu b'dan li riedu jiddeċiedu min ikkonkluda liema bejgħ.

Muri dokument addizzjonali esibit ukoll mill-avukat tas-soċjetà konvenuta,[88] jixhed li dan sar sabiex Anthony Saliba

---

[87] Dokument a fol. 613 sa 618.
[88] Dokument a fol. 619 u 620.

aċċerta ruħu liema negozju sar min minn. Iżid li fuq din il-lista m'hemmx imniżżel il-bejgħ kollu li sar.

Jgħid li apparti pannelli huma kienu jbigħu oġġetti oħra bħal *solar water heaters, air-conditioners* u *appliances*. Jgħid li anqas fuq dawn ma tħallsu kummissjoni.

Dwar il-fieri jgħid li fuq fieri ma kinux jitħallsu kummissjoni stante li mill-fieri ma kienx isir bejgħ. Jgħid li l-bejgħ kien isir wara mill-ħanut. Jgħid li mill-fieri kont biss tistabilixxi kuntatt. Jgħid li l-kummissjoni tiġi biss dovuta meta jkun konkluz il-bejgħ.

Mistoqsi għalfejn l-eżerċizzju fuq id-dokumenti li juru listi ta' klijenti sabiex jiġi aċċertat min ikkonkluda liema bejgħ sar separatament jgħid li dan sar sabiex kulħadd jagħraf in-negozji li għalaq huwa. Jgħid li dan kellu jsir mill-ewwel mhux sena wara.

Jispjega li l-ewwel ma ġara kien li Anthony Saliba tagħhom il-listi imbagħad wara saru aċċertamenti dwar kull negozju.

**In kontroeżami**,[89] xehed li meta huwa applika għax-xogħol mas-soċjetà konvenuta huwa tkellem mal-attur. Iżid li anke wara li beda xogħol fil-bidu kien jaf biss lill-attur u lil Anthony Saliba ltaqa' miegħu meta kien diġà impjegat.

Jgħid li huwa kien jaf li l-attur ma kienx biss *salesman* iżda kellu xogħol maniġerjali.

Jgħid li fl-ewwel sena tiegħu qatt ma kienu marru ħaddiema minn Għawdex sabiex jagħtu daqqa t'id il-Mosta. Jgħid li l-ewwel sena bħala *sales* hu u l-attur biss kien hemm. Jgħid li

[89] Traskrizzjoni a fol. 583 sa 588.

Elton Cachia daħal wara xi sena u xahar u jgħid li jaħseb li daħal bħala sostitut jew tiegħu jew tal-attur.

Jgħid li ċwievet tal-ħanut kienu f'idejn l-attur kif ukoll Anthony u Margie Saliba li huma d-diretturi tas-soċjetà konvenuta. Iżid li qatt ma jaf li l-attur ħalla l-ħanut waħdu.

Jgħid li mhux minnu li bejnu u bejn l-attur xi darba kien hemm problema fejn it-tnejn li huma bdew jippretendu ħlas ta' kummissjoni fuq l-istess bejgħ.

Jirreferi għad-dokumenti fil-format *landscape* u jgħid li meta mtlew dawk huwa u l-attur kienu diġà tkellmu u problemi bejniethom ma kienx hemm. Iżid li lilu qatt ħadd ma qallu li kemm huwa u kemm l-attur kienu qed jippretendu kummissjoni fuq l-istess bejgħ.

**George Borg**, Assistent Direttur fi ħdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, muri d-dokumenti a fol. 503 sa 514 xehed[90] li prinċipal jiġbor t-taxxa u bolla tal-ħaddiema kollha kull xahar u jħallas l-istess f'*lump sum* lid-dipartiment tat-taxxa. Iżid li mbagħad, fl-aħħar tas-sena, l-istess datur ta' xogħol joħroġ FS3 lil kull impjegat tiegħu.

Jgħid li bl-FS3 impjegat ikollu rendikont ta' x'daħħal paga u x'ħallas taxxa u bolla.

Iżid li d-dipartiment jircievi kopja ta' kull FS3 imbagħad skont l-informazzjoni fuq kull FS3 jakkredita t-taxxa u l-bolla ta' kull impjegat mil-*lump sum* li tkun tħallset fis-sena ta' qabel mill-prinċipal tal-istess.

Jixhed li allura d-dokumenti riferut għalihom huma l-FS3s li jirċievu huma u l-impjegati u, wara kull FS3, dokument li juri l-informazzjoni li huma jkunu ħadu minn kull FS3.

Jgħid li d-dipartiment għalhekk jagħmel *reconciliation* tal-FS3s kollha li jirċievi mingħand datur ta' xogħol mal-pagament *lump sum* li jkun għamel l-istess versu bolla u taxxa fejn suppost imbagħad il-kont jiġi azzerat għaliex kollox ikun ġie *tallied*.

Iżid li jekk il-kont tal-prinċipal ma jiġix azzerat dan ikun riżultat ta' diskrepanza bejn il-pagament *lump sum* magħmul mill-prinċipal u dak dikjarat fl-FS3s mibgħuta mill-istess. Jgħid li hawnhekk id-dipartiment jigri wara l-prinċipal sabiex iħallas tali diskrepanza. Iżid li dan ma jaffetwax lill-impjegat għax l-impjegat li għandu FS3 iffirmata mill-prinċipal huwa konfermat bħala taxxa u bolla mħallsa. Iżid li tant u hekk li anke jekk il-prinċipal imbagħad jonqos milli jħallas it-taxxa u l-bolla, l-impjegat mhuwiex skopert.

Jgħid li dan huwa hekk għaliex il-prinċipal ikun diġà naqqas it-taxxa u l-bolla mill-paga tal-impjegat b'dan li jekk imbagħad jonqos milli jgħaddi l-istess lid-dipartiment mhux ser jerġa' jeħilhom l-impjegat.

Jgħid li dwar il-każ *de quo*, għal perjodu mill-2009 sal-2014 id-dipartiment għandu l-FS3s kollha u l-pagament saru kollha bir-*reconcilaition* saret. Iżid li m'hemm xejn dovut mis-soċjetà konvenuta. Itenni li anke kieku kien hemm xi valur dovut l-impjegat mhux ser jiġi affetwat ladarba għandu FS3 iffirmata mill-prinċipal.

Jinsisti li ladabra nħarġu l-FS3s iffirmati l-impjegat m'hu ser ikun bl-ebda mod ippreġudikat u mhux ser jintalab iħallas taxxa li suppost tħallset.

[90] Traskrizzjoni a fol. 652 sa 661.

Jobbliga ruħu li jesibixxi rendikont li juri li d-dipartiment ma fadallu jiġbor xejn mingħand is-soċjetà konvenuta f'taxxa u bolla.

**In kontroeżami**, xehed[91] li huwa ma ntalabx jikkonferma jekk l-attur intalabx iħallas xi ħaġa mid-dipartiment iżda minn daqqa t'għajn li ta ra li l-attur għandu xi bilanċi f'xi snin minnhom.

Jgħid li kull impjegat jagħmel *tax return* tiegħu fejn jindika għandux xi dħul ieħor. Jgħid li huwa ta' daqqa t'għajn lill-kont tal-attur u ra li dan għandu xi bilanċi.

Riferut għad-dokumenti a fol. 108 sa 111, ittri mibgħuta mid-dipartiment lill-attur b'talba għall-ħlas, jgħid li l-ewwel dokument a fol. 108 jidher li huwa *estimation.* Iżid li din toħroġ meta d-dipartiment jibgħat *tax return* li tibqa' ma tintbagħatlux lura bis-sistema għalhekk toħroġ stima bħala *warning*. Jgħid li jekk eventwalment tidħol it-*tax return* l-istima taqa'.

Ikompli jgħid li l-prinċipal għandu obbligu li jħallas it-taxxa u l-bolla u jibgħat l-FS3s lid-dipartiment b'dan li kopja tal-FS3 tmur għand l-impjegat li mbagħad għandu jimla t-*tax return* tiegħu stante li jista jkun qed jagħmel qligħ ulterjuri li jkun irid jiġi dikjarat u li d-datur ta' xogħol ma jkunx jaf bih.

Rigward id-dokumenti addizzjonali a fol. 109 sa 111 jgħid li dawk huma *non filer statements*. Jispjega li f'dan il-każ ma ntbagħtitx *tax return* mid-dipartiment lill-impjegat iżda d-dipartiment ra li l-impjegat għandu impjieg mas-soċjetà konvenuta u naqqas it-taxxa miġbura mill-istess prinċipal

[91] Traskrizzjoni a fol. 661 sa 671.

iżda kien baqa' bilanċ ta' taxxa dovuta. Iżid li b'hekk id-differenza ntalbet mingħand l-attur.

Dwar id-differenza li ntalbet mingħand l-attur jgħid li l-uniku dħul hemm dikjarat jaqbel ma' dak fuq l-FS3 b'dan illi kieku t-taxxa nżammet kif suppost mid-datur ta' xogħol mill-paga tal-attur ma kienx ikun hemm bilanċ dovut lid-dipartiment. Iżid li dan il-bilanċ għandu jkun dovut mill-impjegat u dan peress li billi d-datur ta' xogħol żammlu anqas mill-paga milli suppost żammlu f'taxxa, l-impjegat ħa iktar paga milli kellu jieħu.

Jispjega kif pereżempju għas-sena ta' stima 2014, sena bażi 2013—dokument a fol. 110—l-impjegat kellu paga ta' wieħed u għoxrin elf tliet mija u tnejn u tletin ewro (€21,332), kienet dovuta taxxa ta' elfejn seba' mija u sitta u tletin ewro (€2,736), iżda mill-prinċipal inżammitlu taxxa fl-ammont ta' seba' mija u erbgħin ewro (€740) b'dan li baqa' bilanċ ta' elf disa' mija u sitta u disgħin ewro (€1,996).

Jgħid li l-FS3 tkun iffirmata mill-prinċipal biss.

**In rieżami**, xehed[92] li mid-dokumenti jirriżulta li l-prinċipal tal-attur żamm taxxa li kienet inqas min dik proprjament dovuta u li kellu jiġbor.

Iżid li kull pagament li jiġi riċevut minn impjegat fl-ambitu ta' xogħol għandu jidħol fl-FS3, inkluż *allowances*.

Jgħid li l-FS3 ma tagħmilx differenza bejn paga bażi u kummissjonijiet.

Jgħid li l-unika distinzjoni li ssir fl-FS3 hija bejn dħul mix-xogħol prinċipali—*gross emoluments*, dħul minn xogħol *part-*

[92] Traskrizjzoni a fol. 671 sa 674.

*time* – ukoll imsejħa *gross emoluments*, u *fringe benefits* bħal pereżempju benefiċċju ta' karozza jew telefon ċellulari.

**Xehed ulterjorment**[93] li min-nota esibita mill-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 676 *et seq* tal-proċess jirriżulta l-proċess tat-*tax returns*. Jgħid li kull impjegat huwa obbligat jissottometti t-*tax return* kull sena. Iżid li biex id-dipartiment jiffaċilita l-mili tat-*tax returns* fejn huma jafu s-sors tad-dħul dik il-parti tat-*tax return* tkun diġà mimlija.

Jgħid li d-datur tax-xogħal ikun diga tagħhom id-dettalji tal-impjegati bl-obbligu jibqa li jekk ikun hemm xi informazzjoni nieqsa dik idahhala l-impjegat.

Jgħid li fil-każ tal-attur peress li d-dħul tiegħu kien ġej biss minn xogħlu mas-soċjetà konvenuta, huma ħarġu *assessment* bl-informazzjoni mogħtija mill-prinċipal tiegħu kemm rigward dħul kif ukoll rigward taxxa mħallsa.

Jispjega li s-soċjetà konvenuta bħala prinċipal hija obbligata li kull sena tibgħat FS3 dwar kull impjegat tagħha. Jgħid li l-FS3 turi l-paga, bolla, u taxxa mħallsa. Iżid li dawn id-dettalji jiddaħħlu fis-sistema tagħhom.

Jgħid li impjegat li nżammitlu t-taxxa u l-bolla għamel l-obbligu tiegħu għax għamel il-ħlasijiet dovuta. Iżid li għalhekk impjegat li għandu FS3 iffirmata, anke jekk il-prinċipal tiegħu jonqos milli jgħaddi l-ħlas lid-dipartiment, m'huwiex skopert. Jgħid li tant u hekk li huma jekk jieħdu passi jeħduhom kontra l-prinċipal.

Jgħid li fiċ-ċirkostanzi tal-attur jidher li ma nżammitx taxxa biżżejjed b'dan li spiċċa kellu jagħti xi valuri mal-*assessment*. Jiċċara li l-prinċipal ma qatagħlux kemm kellu jaqtagħlu.

---

[93] Traskrizzjoni a fol. 714.

Jispjega l-ewwel dokument anness man-nota esibita mill-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 676 *et seq* tal-proċess. Jgħid li l-ewwel kolonna turi t-taxxa li ma tħallsitx, maġenb dik il-penali, u maġenb dik l-interessi li kull xahar ikomplu jikbru. Jgħid li għal sentejn minn dawk immarkati bl-aħdar—is-sena 2010 u 2011—l-impjegat ma daħħalx *return* li ntbagħtitlu u għalhekk saret *estimation*. Iżid li jekk tidħol ir-*return* taqa' l-istima favur ir-*return*. Jgħid li l-istima tiġi ġenerata fuq dettalji li d-dipartiment ikollu mill-prinċipal iżda tintuża bħala deterrent.

Mistqosi jekk il-bilanċi ta' taxxa li jidhru pendenti humiex dovuta fuq kummissjonijiet jgħid li huma jimxu fuq l-FS3 li turi figura *gross* u ma tiddistingwix bejn paga u kummissjonijiet. Iżid li l-unika parti tad-dħul li tindika apparti l-FS3 tirrigwarda xi *fringe benefits* bħal karozza.

Iżid li d-dipartiment, u l-FS3, jiddistingwu biss bejn paga minn xogħol prinċipali, paga minn xogħol *part-time* u *fringe benefits* u dan peress li fuq dawn l-introjti/benefiċċji tapplika rata ta' taxxa differenti. Jgħid li kummissjoni tingħad mal-paga għax tiġi intaxxata bħal paga.

Jgħid li filwaqt li l-prinċipal huwa obbligat jissottometti l-FS3 u jagħmel il-pagamenti relattivi, is-sottomissjoni tat-*tax return* fl-aħħar tas-sena hija obbligu tal-impjegat. Jgħid iżda li l-prinċipal huwa obbligat biex lill-impjegat iżommlu li hemm bżonn *at source*. Jgħid li wara dan l-obbligu jekk tibqa' xi taxxa pendenti tkun fuq l-individwu għaliex huwa responsabbli jara li t-taxxa nħadmet sew.

Mistqosi jekk impjegat ikun sprovvist mid-dikjarazzjoni u jitlobha mingħand id-dipartiment din tingħatalux kopja tagħha jgħid li iva, u dan jiġri ta' sikwit.

Jgħid li dwar is-soċjetà konvenuta llum id-dipartiment għandu l-informazzjoni kollha neċessarja għas-snin 2010 sa l-2015. Mistoqsi jekk tali nformazzjoni waslitx għand id-dipartiment fil-ħin opportun jgħid li jista' jiċċekja u jippreżenta dokument. Jobbliga ruħu li jippreżenta dokument f'dan is-sens.[94]

**Joseph Brian Portelli**, eks impjegat tas-soċjetà konvenuta, xehed permezz ta' affidavit.[95] Iddikjara li huwa kien impjegat bħala *sales representative* mas-soċjetà konvenuta bejn is-snin 2013 u 2017. Jgħid li kien jaħdem kemm fil-ħanut ta' Għawdex kif ukoll f'dak tal-Mosta, Malta u fil-fieri.

Jiddikjara li jiftakar lill-attur fil-ħanut tal-Mosta. Iżid li l-attur ma kienx l-uniku *salesman* hemm.

**In kontroeżami**,[96] xehed li għalkemm huwa daħal jaħdem mas-soċjetà konvenuta f'Diċembru, 2013, il-fieri kienu jkunu lejn Ġunju, u l-attur tkeċċa mix-xogħol f'April, 2014, huwa xorta ħadem mal-attur. Iżid li huwa mhux il-fieri biss kien jaħdem imma anke mill-ħanut tal-Mosta.

Suġġerit lilu li l-fiera mal-attur qatt ma ħadem, u ma setax ħadem tenut kont tad-dati meta beda l-impjieg hu, meta jsiru l-fieri, u meta ġie terminat l-attur, u dan kuntrarjament għal dak minnu dikjarat fl-affidavit tiegħu, jgħid li jista jkun hemm xi żball fid-dati għaliex żgur ġieli kien il-fieri mal-attur.

**In rieżami**, xehed[97] li kemm dam jaħdem mas-soċjetà konvenuta huwa ħadem f'xi seba' (7) fieri. Jgħid li kull sena jsiru xi żewġ (2) fieri Malta, waħda Ta' Qali u l-oħra l-Monte Cristo, u fiera Għawdex, f'Awwissu, ta' Santa Maria.

---

[94] Jippreżenta din l-informazzjoni b'nota tal-Kummissarju tat-Taxxi tat-8 ta' Frar, 2021 a fol. 726 *et seq.*

Jgħid li lill-attur huwa jafu. Iżid li l-attur kien jaħdem fil-ħanut ta' Malta mentri huwa kien jaħdem fil-ħanut ta' Għawdex imma fiż-żmien il-fiera, meta kien jiżdied ix-xogħol, huwa—ix-xhud—kien jinżel Malta jagħti daqqa t'id hemm. Jgħid li huwa u oħrajn kienu jkunu l-fiera u wara l-fiera kienu jmorru l-ħanut tal-Mosta jagħmlu li hemm bżonn. Jgħid li kien imur ukoll id-djar tan-nies jiġbor dettalji neċessajri sabiex jinħarġu kwotazzjonijiet.

Jinsisti li mal-attur hadem kemm fil-fieri kif ukoll fil-ħanut tal-Mosta.

Jgħid li fi żmien il-fiera ġieli kienu erba' (4) jew ħames (5) ħaddiema, tnejn (2 )jew tlieta (3) fil-ħanut u l-oħrajn barra, *on site*.

**Joseph Portelli**, eks impjegat tas-soċjetà konvenuta, xehed permezz ta' affidavit.[98] Jiddikjara li huwa kien impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *sales representative* bejn l-2013 u l-2016. Jgħid li kien jaħdem kemm fil-ħanut ta' Għawdex kif ukoll f'dak tal-Mosta, Malta.

Jiddikjara li jiftakar lill-attur fil-ħanut tal-Mosta. Iżid li l-attur ma kienx l-unika *salesman* li kien ikun fil-ħanut tal-Mosta.

**In kontroeżami**, xehed[99] li huwa beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta f'Mejju, 2013. Jgħid li huwa ħadem fil-fieri kull sena li dam fl-impjieg mas-soċjetà konvenuta. Iżid li huwa kien ikun il-fieri Ta' Qali u mhux ċert laħaqx ukoll ta' Monte Cristo.

---

[95] Affidavit a fol. 736 u 737.
[96] Udjenza tas-16 ta' Frar, 2022—traskrizzjoni mhux paġinata.
[97] L-istess udjenza, traskrizzjoni mhux paġinata.
[98] Affidavit a fol. 738 u 739.
[99] Udjenza tas-16 ta' Frar, 2022—traskrizzjoni mhux paġinata.

Suġġerit lilu li l-fieri ta' Monte Cristo bdew fl-2015, jaqbel.

Jgħid li meta huma kienu jitilqu mill-fieri kmieni sabiex jilħqu l-vapur ta' Għawdex kien jibqa' hemm l-attur.

Jgħid li huwa kien stazzjonat Għawdex u Malta kien jitla' biss meta jinqala' l-bzonn b'dan li ma jafx eżatt x'kariga kellu l-attur fi ħdan il-kumpanija.

Jaqbel li lilu kien l-attur li tah l-istħarriġ meħtieġ meta daħal jaħdem mal-kumpanija b'dan li għal dan il-għan l-ewwel tliet (3) ġimgħat ta' impjieg kien għamilhom Malta mal-attur.

**Robert Axiak**, Uffiċjal tar-Riżorsi Umani tas-soċjetà konvenuta xehed permezz ta' affidavit.[100] Jiddikjara li huwa beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta fl-4 ta' Marzu, 2013. Jgħid li huwa bħala parti mid-dipartiment tal-*accounts* tas-soċjetà konvenuta kien jimla l-applikażżjonijiet dwar skemi għal sussidji fuq pannelli fotovoltajiċi u ġieli anke attenda fieri u biegħ mill-hwienet tas-soċjetà konvenuta.

Jiddikjara li jiftakar lill-attur fil-ħanut tal-Mosta b'dan iżda li l-attur qatt ma kien ikun hemm waħdu.

## Ċ. IKKUNSIDRAT:

### Preliminari:

B'din il-kawża, l-attur, wara li ppremetta li kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta bħala aġent tal-bejgħ mill-2009 sal-2014 meta twaqqaf mill-impjieg tiegħu fuq talba tad-direttur maniġerjali tal-istess soċjetà konvenuta, is-Sur Anthony Saliba, talab lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li l-istess soċjetà konvenuta hija debtriċi tiegħu stante nuqqas tagħha

[100] Affidavit a fol. 740 u 741.

f'li tħallsu: **[i]** benefiċċji—*bonuses*—statutorji; **[ii]** bilanċ ta' ġranet ta' *leave entitlement*—sahra – li ma użufruwixxiex ruħu minnu, **[iii]** bilanċ ta' kummissjonijiet varji dovuti lilu fuq bejgħ li għamel lis-soċjetà konvenuta flimkien ma' pagamenti oħra, u; **[iv]** it-taxxa pagabbli fuq l-introjtu minnu perċepit f'paga mingħandha.

Talba mbagħad sabiex il-Qorti tgħaddi sabiex tillikwida dawn il-valuri flimkien mad-danni rekati lilu u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallsu l-istess, bl-ispejjeż.

Is-soċjetà konvenuta laqgħet għal dan billi eċċeppiet li kull ħlas spettanti lill-attur sar minnha debitament u li hija ma fadlilha tagħtih xejn. Eċċepiet ukoll li f'kull każ it-talbiet atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi qabel tgħaddi għall-kunsiderazzjonijiet legali tagħha, din il-Qorti tħoss li huwa opportun li jingħata riassunt tal-fatti li waslu għal din il-vertenza:

a) L-attur wasal sabiex ġie impjegat mis-soċjetà konvenuta wara relazzjoni personali li kellu ma' oħt il-mara tad-direttur maniġerjali tagħha fejn jirriżulta li bejn l-individwi konċernati kien hemm relazzjoni tajba u għalhekk ġie offrut opportunità li huwa aċċetta li jieħu;

b) L-attur beda mill-bidu nett tar-relazzjoni lavorattiva tiegħu mas-soċjetà konvenuta jgħin lill-istess sabiex isib ħanut f'Malta minn fejn setgħet tkabbar il-klijentela

tagħha stante li sa dakinher kienet topera biss minn Għawdex;

ċ) Jirriżulta li dan seħħ, bl-attur ukoll ġie stabbilit bħala l-persuna responsabbli mill-ħanut tas-soċjetà konvenuta ġewwa l-Mosta, Malta, u dan b'effett minn Awwissu tal-2009, data li tirriżulta kemm mix-xhieda tal-attur kif ukoll minn dik tad-direttur maniġerjali tas-soċjetà konvenuta Anthony Saliba u ta' martu, Margie Saliba. L-istess data tirriżulta wkoll mill-ewwel *payslip* li nħarġet relattivament għall-attur mis-soċjetà konvenuta;[101]

d) Jirriżulta li bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta ma kienx hemm kuntratt ta' impjieg bil-miktub b'kollox kien jiġi maqbul verbalment bejn l-attur u Anthony Saliba;

e) Jirriżulta wkoll li tul l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta l-attur gawda minn diversi awmenti fil-paga tiegħu inkluż fejn tali awmenti ġabu tibdil dwar ftehim ulterjuri rigward *overtime work* u ċerti kummissjonijiet—tal-fieri;

f) Jirriżulta ulterjorment li l-impjieg tal-attur ġie formalment terminat fil-25 ta' Marzu, 2014 b'dan iżda li l-attur baqa' jidher bħala impjegat tas-soċjetà konvenuta sal-25 ta' Mejju, 2014;[102]

g) Minkejja li s-soċjetà konvenuta issostni li l-attur ġie terminat mill-impjieg tiegħu fuq raġunijiet dixxiplinari,

---

101 *Payslip* ta' Awwissu, 2009 esibita minn Margie Saliba—in atti bħala t-tieni dokument f'envelop ta' lewn kannella a fol. 282 tal-proċess.

102 Id-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur minn mas-soċjetà konvenuta hija konfermata bħala l-25 ta' Mejju, 2014—xahrejn wara li l-attur ġie infurmat bit-terminazzjoni—mid-dokument datat il-5 ta' Ġunju, 2014 maħruġ mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ—*ETC* illum *JobsPlus*—mehmuż mal-affidavit tal-attur bħala dokument "JA5" a fol. 44. F'dan id-dokument hemm dikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur seħħet *on*

u hekk ukoll tniżżel mad-dipartiment tal-impjieg konċernat, id-direttur maniġerjali tagħha Anthony Saliba jsostni li huwa lill-attur tah in-*notice* b'dan li talbu ma jaħdimx l-istess għax kien fl-interess tiegħu li l-attur ma jibqax ikun fil-ħanut tas-soċjetà konvenuta ġewwa l-Mosta;

h) Hemm divergenza fix-xhieda tal-attur u dik migjuba mis-soċjetà konvenuta dwar jekk, tul l-impjieg tiegħu, l-attur kienx jingħata l-*payslips* relattivi għall-introjtu tiegħu li juru wkoll il-ħlasijiet ta' taxxa u bolla magħmula f'ismu mil-prinċipal tiegħu;

i) Hemm ukoll diverġenza dwar tħallsux jew le l-valuri hawn f'din il-kawża mitluba mill-attur mingħand is-soċjetà konvenuta bis-soċjetà konvenuta tgħid li ssaldat d-debiti kollha tagħha mal-attur mentri l-attur jgħid li dan mhux minnu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

It-talbiet magħmula mill-attur fil-konfront tas-soċjetà konvenuta huma ċari u kristalizzati fir-rikors ġuramentat tiegħu. Dawn huma:

a) il-benefiċċji — *bonuses* — statutorji;

b) bilanċ ta' ġranet ta' *leave entitlement* — sahra — li ma użufruwixxiex ruħu minnu;

---

*disciplinary grounds*. L-istess dokument ġie għal darb'oħra esibit mill-attur a fol. 259 din id-darba biż-żjieda tal-formula li timtela filwaqt tat-terminazzjoni u li tindika r-raġuni tat-terminazzjoni li, f'dan il-każ, tirriżulta ffirmata biss mid-direttur maniġerjali tas-soċjetà konvenuta — formula a fol. 260. L-istess formula ppreżentaha għal darb'oħra d-direttur maniġerjali tas-soċjetà konvenuta stess — a fol. 444.

ċ) bilanċ ta' kummissjonijiet varji dovuta lilu fuq bejgħ li għamel lis-soċjetà konvenuta u ta' pagamenti ulterjuri, u;

d) it-taxxa pagabbli fuq l-introjtu minnu perċepit f'paga.

**Fir-rigward tal-benefiċċji statutorji**, xehdet f'din l-istanza s-Sinjura Sandra Gatt, direttriċi tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali[103] li qalet li fil-perjodu relattiv il-*bonus* tal-Gvern:

> *[…] kien dejjem €135.10, dejjem jingħata f'Gunju u Diċembru. Jiġifieri kull sena l-impjegat irid jingħata €270.20.*

Qalet ukoll li apparti dan hemm *weekly allowance* li:

> *[…] jingħata Marzu u Settembru u l-ammont huwa ta' €121.16. Jiġifieri fis-sena irid jingħata €242.32.*[104]

Jekk tħallsux dawn il-valuri lill-attur mill-prinċipal tiegħu—is-soċjetà konvenuta—hija kwistjoni li tista' tiġi faċilment solvuta b'eżami tal-*payslips* maħruġa fil-konfront tiegħu mis-soċjetà konvenuta u tal-pagamenti magħmula lilu mill-istess soċjetà konvenuta.

B'dan illi l-*payslips* ser juru jekk dawn ġewx dikjarati mentri l-pagamenti ser juru jekk effettivament tħallsux.

Bħala pagamenti magħmula mis-soċjetà konvenuta lill-attur, dawn ġew ikkonfermati mix-xhieda tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.* li esibew kopji ta' sensiela ta' ċekkijiet maħruġa lill-attur mis-soċjetà konvenuta li l-attur ikkonferma bix-

[103] Traskrizzjoni a fol. 336 sa 338.
[104] Kemm il-*bonus* kif ukoll il-*weekly allowance* jirriżultaw ukoll mis-segwenti ħolqa li twassal għall-paġna uffiċjali tad-DIER: https://dier.gov.mt/en/employment-conditions/wages/pages/bonus-and-weekly-allowances.aspx

xheida tiegħu bħala rċevuti minnu. Is-soċjetà konvenuta fl-ebda stadju ma' kkontendiet li saru pagamenti oltre dawk ippruvati mix-xhieda tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.*

Il-kopja ta' dawn iċ-ċekkijiet jirriżultaw in atti f'żewġ (2) envelops a fol. 167 u 175.[105] Min dawn il-kopji jirriżulta li tul l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta l-attur tħallas total ta' ħamsa u sittin elf mitejn u erbatax-il ewro u sittin ċeneżmu (€65,214.60).

Sfortunatament din il-Qorti m'għandhiex mezz kif tassoċja kull ċekk ma' kull *payslip* u dan stante l-fatt li kif xehed kemm l-attur kif ukoll ammettew ir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta nfisha, l-valuri fuq l-istess ma' jikkorrispondux perfettament mal-*payslips* maħruġa b'referenza għall-attur.

B'dan iżda li l-valur kumplessiv taċ-ċekkijiet esibiti huwa anqas min dak kumplessiv li jirriżulta mil-FS3s maħruġa b'referenza għall-istess attur li huma fil-valur kumplessiv ta' sebgħa u sittin elf mija u erbgħin (€67,140)—eskluż dak li jista' jkun żball tal-pinna fejn fl-FS3 għas-sena 2013 it-total tad-dħul ġie mniżżel bħala wieħed u għoxrin elf tliet mija u tnejn u tletin ewro (€21,332) mentri t-total tal-*payslips* għall-istess sena huwa ta' tnax-il elf tmien mija u disgħin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€12,890.98) fejn allura d-diskrepenza togħla.

Hanwhekk il-Qorti tibda sabiex tindika li l-*payslips* u l-FS3s relattivi għall-attur ġew esibiti diversi drabi u dan mill-attur inniffsu,[106] mid-direttur maniġerjali tas-soċjetà konvenuta—

[105] Uħud minn dawn l-istess ċekkijiet ġew għal darb'oħra esibiti minn Anthony Saliba a fol. 324 sa 326—inkluż in retro paġina, u wieħed ġie għal darb'oħra esibit mill-attur a fol. 105.
[106] A fol. 51 sa 104.

Anthony Saliba,[107] u bl-aktar mod komplut minn mart Anthony Saliba, Margie Saliba, ukoll uffiċjal tas-soċjetà konvenuta.[108]

Minn dawn it-tliet (3) settijiet ta' dokumenti l-Qorti setgħet tasal għal sett wieħed komplut li juri li kull FS3 taqbel perfettament mad-dħul dikjarat bħala introjtu tal-attur fid-diversi *payslips* relattivi għajr għal dik tas-sena 2013 fejn l-FS3 turi total ta' wieħed u għoxrin elf tliet mija u tnejn u tletin ewro (€21,332.00) mentri l-*payslips* iwasslu għal total ta' tnax-il elf tmien mija u disgħin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€12,890.98).

Dan apparti, iżda, anke jekk jittieħdu biss il-valuri tassew riżultanti mill-*payslips* maħruġa b'referenza għall-attur, ukoll tirriżulta diskrepanza bejn dawn u t-total tal-ħlas magħmul mis-soċjetà konvenuta lill-attur skont iċ-ċekkijiet esibiti in atti u dan kif diġà ntqal hawn aktar 'il fuq.

Din id-diskrepazna hija ta' elf disa' mija u ħamsa u għoxrin ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,925.40) (sebgħa u sittin elf mija u erbgħin ewro [€67,140] total tal-FS3 tenut kont tal-kwistjoni dwar l-FS3 tal-2013 fuq indikata— ħamsa u sittin elf mitejn u erbatax-il ewro u sittin ċenteżmu [€65,214.60], total taċ-ċekkijiet = elf disa' mija u ħamsa u għoxrin ewro u erbgħin ċenteżmu [€1,925.40]) li anke peress li din il-Qorti, kif diġà ntqal, m'għandhiex mezz kif tassoċja kull ċekk ma' kull *payslip* jew addirittura pagament individwali ser jitqies bħala nuqqas fi ħlas ta' paga bażika.

Magħdud dan, din il-Qorti qieset kull *payslip* individwali u sabet li għalkemm il-valuri dovuti bħala benefiċċji statutorji

[107] A fol. 448 sa 514.
[108] F'envelop a fol. 282.

jirriżultaw kif imiss kull Marzu, Ġunju, Settembru, u Diċembru jirriżultaw nieqsa kif isegwi:

a) f'Settembru, 2009 tħallas tnejn u tletin ewro u witħed u sittin ċenteżmu (€32.61) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);[109]

b) f'Diċembru 2009 tħallas mija u tliet ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€103.92) minflok mija u ħamsa u tletin ewro u għaxar ċenteżmu (€135.10);[110]

c) f'Marzu 2010 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);

d) f'Settembru 2010 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);

e) f'Marzu 2011 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);

f) f'Settembru 2011 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);

g) f'Marzu 2012 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);

---

[109] Ċiffra tirriżulta korretta meta kkalkolati l-ġimgħat ta' impjieg tiegħu mill-bidu tal-impjieg sad-data tal-pagament b'erba' ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€4.66) kull ġimgħa li ħadem.

[110] Valur korrett stante li ma bediex is-sena 2009 mill-bidu b'dan li dan il-*bonus* ġie kkalkolat bil-erba' u sebgħin ċenteżmu (€0.74ċ) kull ġurnata ta' xogħol maħduma.

h) f'Settembru 2012 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);

i) f'Marzu 2013 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);

j) f'Settembru 2013 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);

k) f'Marzu 2014 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin u sittax-il ċenteżmu (€121.16);

Minn hawn jirriżulta allura li l-attur ma tħallasx il-valur ta' sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€0.27ċ) f'benefiċċji statutorji.

**Fir-rigward ta' bilanċ ta' granet ta'** ***leave entitlement*** **—sahra**—li l-attur jallega li ma użufruwix ruħu minnu, għalkemm saru diversi allegazzjonijiet f'dan is-sens mill-attur fejn fl-ewwel affidavit tiegħu jallega li kien fadallu sebgħa u sittin (67) ġurnata[111] mentri fl-ittra mibgħuta mir-rappreżentant legali tiegħu—mingħajr data iżda mibgħuta b'risposta għal dik tar-rappreżentant legali tas-soċjetà konvenuta datata t-12 ta' Mejju, 2014—jgħid li kien fadallu biss jieħu sittax-il ġurnata punt ħamsa,[112] u l-istess jerġa' jgħid f'imejl tiegħu mibgħuta lid-direttur mani;erjali tas-soċjetà konvenuta nhar l-1 ta' April, 2014.[113]

B'dan li ebda provi indipendenti ma nġabu mill-attur jew intalbu minnu mingħand is-soċjetà konvenuta dwar dan tul

111 Ref. para. 46 tal-istess affidavit fil-paġna tiegħu a fol. 30.
112 Ref. para. 4 tal-ittra a fol. 40 u 41.
113 Imejl a fol. 112.

l-andament ta' din il-kawża li nbdiet fl-2015 bl-attur għalaq il-provi tiegħu fit-12 ta' Jannar, 2018.[114]

Din il-Qorti hija għalhekk kompletament sprovvista minn kull prova li tista twassal għal dikjarazzjoni u ordni tagħha dwar dan il-mertu.

**Rigward bilanċ ta' kummissjonijiet varji** li l-attur jallega li huwa dovut lilu fuq bejgħ li għamel lis-soċjetà konvenuta u ta' pagamenti ulterjuri, din il-Qorti tosserva li fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tagħha, is-soċjetà konvenuta tagħmel diversi sottomissjonijiet dwar il-kreddibilità o meno tal-attur u dwar il-provi li kienu jinkombu fuqu dwar dan il-mertu.

Il-Qorti tosserva li mentri l-attur kien konsistenti dwar dati meta żdied fil-paga u f'liema valur żdied, dwar li huwa qatt ma' ra FS3 jew *payslip* relattiva għall-impjieg tiegħu għajr meta nbdew dawn il-proċeduri, u; dwar li l-kummissjoni kienet dovuta lilu bit-tnejn fil-mija (2%) fuq il-valur nett mit-taxxa fuq il-valur miżjud ta' kull bejgħ li għamel għas-soċjetà konvenuta, asserzjonijiet li ġew anke korroborati mix-xhud Timothy Jones; is-soċjetà konvenuta naqset f'diversi rigwardi li tindirzza b'mod idonju dawn l-asserzjonijiet.

Infatti, is-soċjetà konvenuta kemm-il darba sostniet li hija dejjem fornit lill-attur bil-*payslips*, inkluż billi dawn kienu mibgħuta lilu bl-imejl, iżda, l-obbligazzjoni li għamel id-

114 Verbal a fol. 410.

direttur maniġerjali tagħha stess—Anthony Saliba—li jitressqu kopji ta' dawn l-imejls qatt ma ġiet eżawrita.[115]

Oltre dan, għalkemm l-istess Anthony Saliba ppreżenta imejl allegatament turi mill-attur jinforma lill-persuna terza li kienet interessata li tiġi impjegata mas-soċjetà konvenuta li l-kummissjoni kienet ta' wieħed fil-mija (1%), l-istess Anthony Saliba m'għamel ebda sottomissjoni dwar ir-risposti mogħtija għal din l-asserzjoni mill-attur in kontroeżami fejn irribadixxa li Anthony Saliba kien sikwit jimpersonizza impjegati tiegħu, kemm bit-telefon u kemm bl-imejl.

Il-Qorti tqies ukoll li l-asserzjoni tal-attur li kien qiegħed jirċievi pagamenti b'ċekkijiet varji fejn jgħid, inkluż in kontroeżami, li tali ċekkijiet kienu jidhru li qed iħallsu paga u xi spejjeż li seta' kien għamel fl-interess tas-soċjetà konvenuta. Tenut kont tal-assjem tal-provi din l-asserzjoni tal-attur tirriżulta verosimili meta wieħed iqabbel il-valuri ta' kull ċekk mal-paga li skont l-attur kienet pagabbli lilu tul iż-żmien.

Hawnhekk, il-Qorti hija għalhekk aktar propensa temmen lill-attur li filwaqt li l-awmenti fil-paga tiegħu seħħew kif xehed huwa fl-ewwel affidavit tiegħu u ċ-ċekkijiet li kienu qed jingħatawlu kienu jirriflettu dan, finalment irriżulta li fuq l-FS3s tiegħu l-introjtu tiegħu tniżżel anqas u dan għal raġuni li tafha biss is-soċjetà konvenuta.

Dan isaħħaħ ukoll it-twemmin ta' din il-Qorti li dment li l-attur kien qed jirċievi ċekk li jirrifletti l-paga li kien jaf bħala spettanti lilu, filwaqt li kien regolarment jittenta jiġbor xi

---

[115] Xhieda ta' Saliba a fol. 313 sa 323.

parti mill-kummissjoni dovuta lilu, huwa ma kellux għalfejn ikun inkwetat li seta' kien hemm diverġenza fl-FS3.

Għal kuntrarju, l-argument tas-soċjetà konvenuta li ċ-ċekkijiet tal-paga ma jirriflettux l-FS3 għaliex fihom kien qed jiżdied pagament akkont versu kummissjonijiet futuri ma jirriżultax kredibbli.

Huwa risaput li kummissjoni titħallas wara li jiġi konkluż bejgħ fuq kalkolu tal-valur tal-istess.

Tirriżulta għalhekk il-kredibbilità tal-attur.

Oltre minm hekk, il-fatt li fl-ittri mibgħuta bejn l-avukati dakinhar patroċinanti l-partijiet qabel l-intavolar ta' din il-kawża tidher ċara r-referenza għal dokumenti li s-soċjetà konvenuta għamlet disponibbli lill-attur u lill-impjegat ieħor tagħha—Timothy Jones—juri li s-soċjetà konvenuta kienet konxja li kien baqa' pendenzi.[116]

Infatti, is-soċjetà kovenuta għamlet disponibbli żewġ settijiet ta' dokumenti ossia lista ta' klijenti b'negozji magħluqin magħha, kemm lill-attur kif ukoll lil Timothy Jones.

Dawn iz-żewġ invidiwi kienu koerenti f'li xehdu li l-ewwel lista kienet lista kompluta ta' klijenti fejn huma indikaw dawk li skonthom kienu klijenti tagħhom mentri l-listi li segwew kienu dawk fejn seta' kien hemm *overlap* bejn dak dikjarat minnhom fl-ewwel lista b'dan li mbagħad l-istess *overlap* ġie ċċarat minnhom stess lis-soċjetà konvenuta. Tant li kemm l-attur kif ukoll Jones ma jagħmlu ebda akkuża l-wieħed verso l-ieħor u, fl-ittra tal-avukat patroċinanti l-attur mibgħuta b'risposta għal dik tas-soċjetà konvenuta datata t-

[116] Kopji ta' ittri legali a fol. 37 sa 43.

12 ta' Mejju, 2014, l-attur informa lil-legali tas-soċjetà konvenuta li Jones kien lest jikkonferma magħha li l-lista finali turi proprju n-negozji magħluqa mill-attur.[117]

Din il-Qorti hija għalhekk moralment konvinta li l-attur huwa dovut bilanċ ta' kummissjoni u dan ai termini tal-lista annessa mal-ewwel affidavit tiegħu bħala dokument "JA6" u fil-valur ta' erbat elef seba' mija u għoxrin ewro (€4,720) kif anke dikjarat bħala dovut lilu fl-istess affidavit.[118] Valur li ma ġie bl-ebda mod ikkontestat mis-soċjetà konvenuta li għalkemm qalet diversi drabi li l-attur seta' ddikjara bħala bejgħ tiegħu bejgħ ta' terzi oltre Timothy Jones, ma ressqet ebda prova dwar dan. Anzi, mal-affidavit tar-rappreżentant tagħha Anthony Saliba tressaq wieħed mill-istess dokumenti li ressqu kemm l-attur kif ukoll Timothy Jones[119] filwaqt li l-attur u Jones t-tnejn qablu li l-kwistjnoi ta' xi reġistrazzjonijiet tal-istess negozji doppjament seħħ biss bejniethom, b'Jones ressaq spjegazzjoni kredibbli għal din il-Qorti dwar dan fejn qal li peress li huwa kien ikun xogħol fuq barra mentri l-attur kien ikun fil-ħanut, kien l-attur li jieħu ħsieb iżomm ċerti rendikonti.

Il-Qorti tosserva wkoll li għalkemm is-soċjetà konvenuta tipprova tixħet dubbju dwar jekk l-attur kienx ikun waħdu fil-ħanut tal-Mosta jew le, l-attur inniffsu ta' rendikont ta' meta hu stess beda jinterroga diversi kandidati sabiex jaħdmu miegħu, inkluż lil Timothy Jones, mentri ix-xhieda li ressqet is-soċjetà konvenuta dwar dan il-mertu ossia, lil Joseph Brian Portelli, Joseph Portelli u Robert Axiak, ilkoll bdew l-impjieg tagħhom fis-sena 2013, ossia lejn l-aħħar tal-

---

[117] Para. 6, ittra legali a fol. 40 u 41.
[118] Affidavit a fol. 24 sa 36 u dokument "JA6" a fol. 45 sa 49.
[119] Ref dokument mal-affidvait ta' Anthony Saliba a fol. 521 sa 522, mal-ewwel affidavit tal-attur a fol. 50 inkluż in retro pagina u miġjub waqt ix-xhieda ta' Timothy Jones a fol. 619 sa 620.

impjieg tal-attur mas-soċjetà konvenuta liema impjieg ġie terminat f'Marzu, 2014. B'dan li dawn ċertament ma jistgħux jitqiesu bħala l-aħjar xhieda dwar l-impjieg tal-attur fir-rigward ta' din l-istanza. Oltre l-fatt li l-istess xhieda kienu pjuttost xotti fl-informazzjoni li offrew.

Tirriżulta għalhekk verosimili l-lanjanza tal-attur li huwa dovut kummissjoni addizzjonali. Jirriżulta wkoll kredibbli l-ammont mitlub fil-valur ta' erbat elef seba' mija u għoxrin ewro (€4,720) li kien anke diġà enunċjat fl-ittra tal-legali tal-attur diġà msemmija.[120]

Mhux l-istess iżda jista jingħad dwar il-valur aktar elevat li ġie mitlub aktar tard waqt il-gbir tal-provi f'din il-kawża fejn b'affidavit addizzjonali ta' l-attur intalab il-valur ta' dsatax-il elf tliet mija u ħamsa u tmenin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€19,385.36) f'kummissjonijiet.[121] Valur imsejjes fuq eżerċizzju tal-attur fuq sensiela ta' dokumenti li ġew esibiti in atti mir-rappreżentant tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Owen Ellul.[122]

Dan tenut kont tal-fatt li tali eżerċizzju tal-attur sar unilateralment minnu mingħajr ma ressaq, jew talab li jiġi sottomess, kif seta' u kellu l-opportunità li jagħmel, l-inkartament relattiv għal kull negozju hemm imsemmi f'dawk il-listi sottomessi mir-rappreżentant tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Owen Ellul. Inkartament li kien jixħet dawl importanti dwar l-allegazzjonijiet taż-żewġ partijiet rigward l-entraturi fl-istess dokumenti kif

120 A fol. 40 u 41.

121 Affidavit a fol. 295.

122 Dokumenti f'envelop a fol. 244 u kopja tagħhom mmarkata bil-pinna mill-attur u mehmuża mal-affidavit ulterjuri tiegħu a fol. 296 sa 312.

esibiti mir-rappreżentant tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma, Owen Ellul.

Jingħad li l-istess dokumenti huma sprovvisti minn kull informazzjoni dwar klijenti tas-soċjetà konvenuta u *sales aġents* tagħha li setgħu kienu involuti fin-negozji relattivi. B'dan li din il-Qorti m'hijiex fil-pożizzjoni li taċċerta ruħha li l-istess negozji ngħalqu mill-attur kif fill fatt hija dwar il-valur ta' erbat elef seba' mija u għoxrin ewro (€4,720) li ġie kkonfermat wara eżerċizzju intrapriż bejn l-attur, is-soċjetà konvenuta, u terz—Timothy Jones—fuq dokumenti provduti mis-soċjetà konvenuta nfisha.

Dwar ammonti addizzjonali li skont l-ewwel affidavit tal-attur din il-Qorti għandha tillikwida hija,[123] din il-Qorti tosserva li għalkemm f'diversi stadji tul l-andament ta' din il-kawża l-attur allega bejgħ ta' prodotti tas-soċjetà konvenuta mil-ħanut tagħha fil-Mosta, liema prodotti jinkludu *appliances* bħal *air-conditioners* u *solar water heaters*, u għalkemm fuq talba tal-attur is-soċjetà konvenuta ppreżentat dokumenti li juru total ta' bejgħ mill-ħanut tal-Mosta, ebda valur ma ġie speċifikat bħala wieħed ta' bejgħ mill-attur bis-soċjetà konvenuta anzi tgħid li d-dokumenti sottomessi minnha juru valuri ta' negozji li għalkemm konklużi bnadi oħra setgħu nġabru mill-ħanut tal-Mosta. B'dan li din il-Qorti m'għandhiex mezz kif tidentifika u tindika hi xi valur bħala dovut lill-attur f'dan il-mertu.[124]

**Rigward it-taxxa pagabbli fuq l-introjtu perċepit mill-attur f'paga** u jekk din thallsitx kif imiss mis-soċjetà konvenuta, din il-Qorti tosserva li l-attur fil-fatt ircieva kontijiet dwar taxxa pendenti maħruġa lilu mid-

[123] Vide fol. 32 u 33 tal-affidavit tal-attur.
[124] Rendikont tal-bejgh tal-ħanut tal-Mosta għas-snin 2009, 2010, 2011, u 2012 a fol. 349 sa 389.

Dipartiment tat-Taxxi Interni għas-snin 2011, 2012, 2013, u 2014.[125]

Dawn il-kontijiet għajr għal dak tas-sena bażi l-2011 jidentifikaw lis-soċjetà konvenuta bħala l-prinċipal tal-attur. Oltre dan, kull wieħed minn dawn il-kontijiet jispeċifika fuqu l-istess valur dikjarat mil-prinċipal tal-attur bħala dak devolut lill-attur f'paga fuq l-FS3s għas-snin relattivi u juri wkoll l-istess valur ta' taxxa mnaqqsa mill-paga tal-attur mis-soċjetà konvenuta skont l-istess FS3s.

B'dan li huwa allura ċar li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni ħadem fuq l-introjtu perċepit mill-attur kif ukoll fuq t-taxxa li tnaqqsitlu mill-istess kif dikjarat mis-soċjetà konvenuta iżda sab li għal xi raġuni s-soċjetà konvenuta kienet naqqset anqas taxxa milli kellha tnaqqas.

Infatti, fuq l-istess kontijiet mibgħuta lill-attur id-Dipartiment jindika wkoll il-bilanċ li baqa dovut f'taxxa wara li tnaqqset it-taxxa miġbura mis-soċjetà konvenuta minn dik attwalment dovuta.[126]

Fix-xhieda mogħtija minnu quddiem din il-Qorti, George Borg, Assistent Direttur fi ħdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, xehed kif il-prinċipal huwa obbligat jissottometti l-FS3s u jagħmel il-ħlasijiet skont l-istess b'dan li mbagħad id-dipartiment jalloka l-ħlasijiet ta' taxxa magħmula mill-prinċipal skont l-FS3 u suppost dawn jiġu rikonċiljati perfettament. Xi ħaġa li f'dan il-każ tirriżulta li ġrat.

Jibqa' iżda l-fatt li għalkemm is-soċjetà konvenuta għamlet il-ħlasijiet tat-taxxa skont l-FS3s sottomessi, huwa ċar li fl-

[125] Kontijiet a fol. 108 sa 111.

[126] Vide kontijiet a fol. 109 sa 111 bit-taxxa miġbura mis-soċjetà konvenuta indikata fil-parentesi mentri dik li baqgħet pendenti u dovuta indikata aktar 'l isfel bħala "ammont dovut".

istess FS3s kien hemm żball fil-kalkolu tat-taxxa dovuta u pagabbli.

L-istess xhud Goerge Borg spjega li dan ifisser li konsegwentement l-attur irċieva aktar paga milli kien imissu tenut kont tal-fatt li t-taxxa titnaqqas mil-paga b'dan li jekk allura tnaqqset anqas taxxa milli kellha titnaqqas, id-differenza ġiet perċepita mill-impjegat—l-attur.

Ix-xhud George Borg jgħid li finalment, ladabra l-prinċipal jissottometti d-dokumenti relattivi, l-impjegat ikun protett rigward il-pagamenti dikjarati fl-FS3 b'dan li anke jekk il-prinċipal jonqos f'li jaghmel il-ħlasijiet relattivi, id-Dipartiment imexxi kontra l-prinċipal mhux kontra l-impjegat.

B'dan iżda li minn din ix-xhieda ta' George Borg jirriżulta li din il-protezzjoni testendi biss għall-valuri dikjarati fuq l-FS3 bid-Dipartiment fil-fatt imexxi, kaf hawn għamel, kontra l-impjegat għall-ħlasijiet ta' valuri ulterjuri li jirriżultaw dovuti iżda li ma jkunux imniżżla fuq l-FS3.

Ir-raġunament jidher li hu li finalment, huwa il-pagatur tat-taxxa proprju, f'dan il-każ l-attur, li huwa responsabbli li jara li mingħandu jnaqqas it-taxxa mil-paga tiegħu sabiex iħallasha lid-Dipartiment ikun qed jagħmel hekk, u jagħmel hekk fil-valur korrett.

Id-Dipartiment isostni li dan huwa hekk peress li d-Dipartiment jistrieħ fuq id-dikjarazzjonijiet tal-prinċipal b'dan li l-impjegat jista' jkollu introjtu ieħor injot għad-Dipartiment.

Infatti, is-sistema qiegħda li l-prinċipal jissottometti l-FS3 u l-ħlas tat-taxxa lid-Dipartiment u jibgħat ukoll kopja tal-istess lill-impjegat sabiex l-istess iżid, jekk ikun il-każ,

kwalunkwe dħul ieħor taxxabbli li jista jkun qed jipperċepixxi.

Huwa għalhekk ċar għal din il-Qorti li filwaqt li l-iżball oriġinali jidher li sar mill-prinċipal, ossia mis-soċjetà konvenuta, li fl-FS3s li ssottomettiet lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fir-rigwrad tal-attur għamlet kalkolu tat-taxxa ħażin, l-attur kien finalment responsabbli jara li kollox kien qiegħed isir kif suppost, kif kien ukoll responsabbli jagħmel id-dikjarazzjoni tat-taxxa annwali tiegħu li jirrizulta li f'xi każijiet naqas li jagħmel.

Oltre minn hekk, huwa ċar li t-taxxa li kellha titnaqqas mill-paga tal-attur mis-soċjetà konvenuta baqgħet mal-paga li pperċepixxa l-attur b'dan li jekk issa din il-Qorti tordna l-ħlas tal-istess mis-soċjetà konvenuta dan iwassal għall-arrikkiment indebitu tal-attur a skapitu tas-soċjetà konvenuta.

B'dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal dak misjub minn din il-Qorti fir-rigward ta' l-FS3 għas-sena 2013 fejn jista' jirriċulta żball tal-pinna dwar id-dħul reali tal-attur stante diskrepanza bejn id-dħul dikjarat fl-FS3 u dak li jirriżulta mill-*payslips* relattivi.

## DECIDE:

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta *Solar Engineering Limited* (C47487):

1. tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta naqset f'li tagħmel uħud mill-ħlasijiet hemm imsemmija fl-istess l-ewwel talba kif ser

jiġu likwidati fit-tieni kap ta' din il-parti dispożittiva ta' din is-sentenza dwar it-tieni talba attriċi;

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi limitatament u tillikwida bħala dovuti mis-soċjetà konvenuta lill-attur is-segwenti valuri biss:

   a) sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€0.27ċ) f'benefiċċji statutorji – *bonuses* – li s-soċjetà konvenuta naqqset f'li tħallas lill-attur;

   b) erbat elef seba' mija u għoxrin ewro (€4,720) f'kummissjonijiet fuq bejgħ li s-soċjetà konvenuta naqqset f'li tħallas lill-attur;

   ċ) elf disa' mija u ħamsa u għoxrin ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,925.40) f'pagamenti oħra li s-soċjetà konvenuta naqqset f'li tħallas lill-attur.

3. Tilqa' it-tielet talba attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur il-valuri hekk likwidati fit-tieni kap ta' din il-parti dispożittiva ta' din is-sentenza dwar it-tieni talba attriċi. Bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din id-deċiżjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ta din il-kawża a karigu tas-soċjetà konvenuta.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**